Sit bla bini	7
Sit bla bini	9
Sit bla bini	11
13	13
Garaxx	15

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*

Is-27 ta' Ottubru, 2015

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 158

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li skont l-Avviż Legali 101/97, it-toroq li jidhru hawn taħt se jiġu klassifikati bħala *Tow Zones*, hekk kif indikat.

Bis-saħħa tal-Artikolu 52(1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li l-passaġġ u t-twaqqif ta' vetturi huwa pprojbit fit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u ħinijiet indikati.

27th October, 2015

POLICE NOTICE

No. 158

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of Legal Notice 101/97, the streets listed hereunder are to be classified as tow zones on the date and times indicated.

In virtue of Article 52(1) of the Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65), the Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder is prohibited on the dates and times indicated.

San Ġiljan

Nhar it-Tnejn, 9 ta' Novembru, 2015, minn nofsillejl sal-11.00 a.m. tal-Ġimgħa, 13 ta' Novembru, 2015 minn Triq Santu Wistin, Triq id-Dragunara, Triq il-Knisja, Triq Ross, Triq San Ġorġ, Triq L.V. Farrugia u Triq William Harding.

Vetturi li jinstabu jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu soġġetti li jiġu rmunkati.

Ħal Luqa

Nhar it-Tnejn, 9 ta' Novembru, 2015 mit-8.00 p.m. sad-9.00 a.m. tal-Ġimgħa, 13 ta' Novembru, 2015 minn Triq Garibaldi, Triq il-Kunsill tal-Ewropa, Triq l-Avjazzjoni Ċivili, Triq Ħal Luqa, Xintill *roundabout*, Vjal Santa Luċija, iż-Żona Industrijali, Triq Ħal Far, Triq l-Avjazzjoni, Triq iż-Żurrieq u d-daħliet tal-ajruport.

Vetturi li jinstabu jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu soġġetti li jiġu rmunkati.

Ħ'Attard/Ħal Balzan

Nhar it-Tnejn, 9 ta' Novembru, 2015 mit-8.00 p.m. sal-10.00 p.m. tal-Ġimgħa, 13 ta' Novembru, 2015 minn Vjal de Paule, Ħal Balzan, (l-entratura prinċipali tal-Corinthia u l-Palazz tal-President ta' Sant' Anton), parti minn Triq Birkirkara, Triq il-Linja, Ħ'Attard, (in-naħa tax-xellug tal-Lukanda Corinthia), Triq Lord Strickland magħrufa bħala Triq it-Twila (ħdejn il-Palazz ta' Sant' Anton), parti minn Triq Sant' Antnin, Ħ'Attard, minn Triq Lord Strickland sa Triq G. Portelli (wara tal-Palazz Presidenzjali fejn il-*kitchen garden*).

Vetturi li jinstabu jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu soġġetti li jiġu rmunkati.

L-Imsida/Tal-Pietà

Nhar it-Tlieta, 10 ta' Novembru, 2015, f'nofsillejl sal-10.00 p.m. ta' nhar il-Ħamis, 12 ta' Novembru, 2015 minn Xatt l-Imsida u x-Xatt tal-Pietà.

Vetturi li jinstabu jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu soġġetti li jiġu rmunkati.

Buġibba

Nhar it-Tlieta, 10 ta' Novembru, 2015 mill-5.00 a.m. sas-7.00 p.m. minn Triq Għawdex, Triq Dawret il-Gżejjer, Triq it-Turisti, Triq it-Trunċiera, Triq id-Dolmen u Triq il-Merluzz.

Vetturi li jinstabu jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu soġġetti li jiġu rmunkati.

Saint Julians

On Monday, 9th November, 2015 from midnight till 11.00 a.m. of Friday, 13th November, 2015 through Triq Santu Wistin, Triq id-Dragunara, Triq il-Knisja, Triq Ross, Triq San Ġorġ, Triq L.V. Farrugia and Triq William Harding.

Any vehicles found parked in contravention to the order of this notice are liable to be towed away.

Ħal Luqa

On Monday, 9th November, 2015 from 8.00 p.m. till 9.00 a.m. of Friday, 13th November, 2015 through Triq Garibaldi, Triq il-Kunsill tal-Ewropa, Triq l-Avjazzjoni Ċivili, Triq Ħal Luqa, Xintill *roundabout*, Vjal Santa Luċija, Industrial Estate, Triq Ħal Far, Triq l-Avjazzjoni, Triq iż-Żurrieq and MIA entrances.

Any vehicles found parked in contravention to the order of this notice are liable to be towed away.

Ħ'Attard/Ħal Balzan

On Monday, 9th November, 2015 from 8.00 p.m. till 10.00 p.m. of Friday, 13th November, 2015 through Vjal de Paule, Ħal Balzan, (main entrance of Corinthia and also Sant' Anton President's Palace), part of Triq Birkirkara, Triq il-Linja, Ħ'Attard, (left hand side of Corinthia Hotel), Triq Lord Strickland known as Triq it-Twila which is adjacent to Sant' Anton Palace), part of Triq Sant' Antnin, Ħ'Attard, from Triq Lord Strickland up to Triq G. Portelli (kitchen garden area behind San Anton Palace).

Any vehicles found parked in contravention to the order of this notice are liable to be towed away.

Msida/Tal-Pietà

On Tuesday, 10th November, 2015, from midnight till 10.00 p.m. of Thursday, 12th November, 2015 through Msida Seafront and Tal-Pietà Seafront.

Any vehicles found parked in contravention to the order of this notice are liable to be towed away.

Buġibba

On Tuesday, 10th November, 2015 from 5.00 a.m. till 7.00 p.m. through Triq Għawdex, Triq Dawret il-Gżejjer, Triq it-Turisti, Triq it-Trunċiera, Triq id-Dolmen and Triq il-Merluzz.

Any vehicles found parked in contravention to the order of this notice are liable to be towed away.

Il-Marsa/Blata l-Bajda

Nhar it-Tlieta, 10 ta' Novembru, 2015 mid-9.00 a.m. sal-11.00 a.m. tal-Ġimgħa, 13 ta' Novembru, 2015 minn Triq il-Menqa, Triq Aldo Moro, Triq Diċembru Tlettax, Triq it-Tiġrija/Korsa, Il-Marsa u Triq Nazzjonali, Blata l-Bajda.

Vetturi li jinstabu jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu soġġetti li jiġu rmunkati.

Il-Belt Valletta/Il-Furjana

Nhar it-Tlieta, 10 ta' Novembru, 2015 mill-5.00 p.m. sa nofsillejl tal-Ħamis, 12 ta' Novembru, 2015 minn Triq il-Lvant bejn Triq San Kristofru u Triq San Nikola, Triq il-Mediterran bejn Triq San Nikola u l-Foss ta' Sant' Iermu, Pjazza Evans, il-Foss ta' Sant' Iermu bejn Triq il-Merkanti u Triq ir-Repubblika, Triq it-Tramuntana bejn Triq il-Merkanti u Pjazza Evans, Triq il-Merkanti bejn il-Foss ta' Sant' Iermu u Triq l-Isptar, Triq l-Isptar bejn Triq San Pawl u Triq il-Merkanti (inkluż parkeġġ fit-triq), Triq San Pawl bejn Triq San Nikola u Triq l-Isptar, Triq Sant' Orsla bejn Triq San Nikola u Triq l-Ibjar, Triq l-Ibjar bejn Triq Sant' Orsla u Triq San Nikola, Triq San Bastjan bejn Triq l-Ixprun u Triq il-Batterija, Triq Marsamxett bejn il-*Gun Post* u Triq l-Assedju l-Kbir (iż-żewġ naħat inkluż il-parkeġġ), Triq l-Assedju l-Kbir bejn Triq Marsamxett u r-*roundabout* tal-Monument tal-Gwerra, Xatt il-Barriera bejn it-Telgħa ta' Liesse u l-Monument tal-Qanpiena, Il-Belt Valletta u Triq Sant'Anna bejn Pjazza Robert Sammut u r-*roundabout* tal-Monument tal-Gwerra (iż-żewġ naħat), Pjazza Sir Luigi Preziosi bejn Triq San Franġisk u Triq il-Kapuċċini, Triq San Franġisk bejn il-Monument tal-Gwerra u Triq F. Sciberras, Triq John Lopez bejn Triq Sant' Anna u Triq San Franġisk, Triq F. Sciberras bejn Triq San Franġisk u t-Telgħa tal-Kurċifiss, it-Telgħa tal-Kurċifiss bejn Triq il-Kapuċċini u x-Xatt ta' Lascaris, ix-Xatt ta' Lascaris bejn it-Telgħa tal-Kurċifiss u Ta' Liesse tunnel, Triq il-Vittmi tal-Gwerra Furjaniżi bejn ix-Xatt ta' Lascaris u l-Valletta Waterfront, il-parkeġġ f'Misraħ Hannibal Scicluna, Triq Hannibal Scicluna bejn Triq l-Assedju l-Kbir u l-Bażi Marittima tal-FAM (inkluż iż-żona tal-parkeġġ), Xatt it-Tiben bejn il-Bażi Marittima tal-FAM sal-grada tal-Lukanda Excelsior) u Belt is-Sebħ minn Triq Hannibal Scicluna sa Triq Ospizio, Il-Furjana.

Nhar it-Tlieta, 10 ta' Novembru, 2015 mill-5.00 p.m. sal-11.00 p.m. tal-Erbgħa, 11 ta' Novembru, 2015 mill-*area* tal-parkeġġ tal-Bank Ċentrali u Triq il-Papa Piju V, il-Pjazza tal-i*Stock Exchange* u t-triq ta' quddiem il-Barrakka ta' Fuq, Triq San Pawl bejn Misraħ Kastilja u Triq Melita, Triq Melita bejn Triq San Pawl u Triq il-Merkanti, Triq il-Merkanti bejn Triq Melita u Misraħ Kastilja, Pjazza de Valette, Triq Ġlormu Cassar bejn Misraħ Kastilja u l-Monument tal-Gwerra, Triq San Pawl bejn Triq Melita u Triq San Kristofru u Triq San Kristofru bejn Triq San Pawl u Triq il-Lvant.

Marsa/Blata l-Bajda

On Tuesday, 10th November, 2015 from 9.00 a.m. till 11.00 a.m. of Friday, 13th November, 2015 through Triq il-Menqa, Triq Aldo Moro, Triq Diċembru Tlettax, Triq it-Tiġrija/Korsa, Marsa and Triq Nazzjonali, Blata l-Bajda.

Any vehicles found parked in contravention to the order of this notice are liable to be towed away.

Valletta/Floriana

On Tuesday, 10th November, 2015 from 5.00 p.m. till midnight of Thursday, 12th November, 2015 through Triq il-Lvant between Triq San Kristofru and Triq San Nikola, Triq il-Mediterran between Triq San Nikola and Saint Elmo Granaries, Pjazza Evans, Saint Elmo Granaries between Triq il-Merkanti and Triq ir-Repubblika, Triq it-Tramuntana between Triq il-Merkanti and Pjazza Evans, Triq il-Merkanti between Saint Elmo Granaries and Triq l-Isptar, Triq l-Isptar between Triq San Pawl and Triq il-Merkanti (including off road parking area), Triq San Pawl between Triq San Nikola and Triq l-Isptar, Triq Sant' Orsla between Triq San Nikola and Triq l-Ibjar, Triq l-Ibjar between Triq Sant' Orsla and Triq San Nikola, Triq San Bastjan between Triq l-Ixprun and Triq il-Batterija, Triq Marsamxett between Gun Post and Triq l-Assedju l-Kbir (both sides including parking), Triq l-Assedju l-Kbir between Triq Marsamxett and War Memorial roundabout, Xatt il-Barriera between Ta' Liesse Hill and Siege Bell Memorial, Valletta and Triq Sant'Anna between Pjazza Robert Sammut and War Memorial roundabout (both sides), Pjazza Sir Luigi Preziosi between Triq San Franġisk and Triq il-Kapuċċini, Triq San Franġisk between War Memorial and Triq F. Sciberras, Triq John Lopez between Triq Sant' Anna and Triq San Franġisk, Triq F. Sciberras between Triq San Franġisk and Crucifix Hill, Crucifix Hill between Triq il-Kapuċċini and Lascaris Wharf, Lascaris Wharf between Crucifix Hill and Ta' Liesse tunnel, Triq il-Vittmi tal-Gwerra Furjaniżi between ix-Xatt ta' Lascaris and Valletta Waterfront, the parking area in Misraħ Hannibal Scicluna, Triq Hannibal Scicluna between Triq l-Assedju l-Kbir and AFM Maritime Base (including off road parking area), Xatt it-Tiben between AFM Maritime Base to emergence Gate of Excelsior Hotel) and Belt is-Sebħ from Triq Hannibal Scicluna to Triq Ospizio, Floriana.

On Tuesday, 10th November, 2015 from 5.00 p.m. till 11.00 p.m. of Wednesday, 11th November, 2015 through Central Bank parking area and Triq il-Papa Piju V, Stock Exchange Square and Upper Barrakka Gardens Lane, Triq San Pawl between Misraħ Kastilja and Triq Melita, Triq Melita between Triq San Pawl and Triq il-Merkanti, Triq il-Merkanti between Triq Melita and Misraħ Kastilja, Pjazza de Valette, Triq Ġlormu Cassar between Misraħ Kastilja and War Memorial, Triq San Pawl between Triq Melita and Triq San Kristofru and Triq San Kristofru between Triq San Pawl and Triq il-Lvant.

Nhar l-Erbgħa, 11 ta' Novembru, 2015 mis-2.00 p.m. sal-10.00 p.m. tal-Ħamis, 12 ta' Novembru, 2015 minn Triq Ġlormu Cassar kantuniera mar-*roundabout* tal-Monument tal-Gwerra, Triq il-Papa Piju V sat-tarag mal-Bini tal-Parlament il-Ġdid, Triq Nofsinhar kantuniera ma' Triq Zakkarija, Triq l-Ordinanzja kantuniera ma' Triq il-Vitorja, Triq il-Merkanti kantuniera ma' Triq Melita, Triq San Pawl kantuniera ma' Triq Melita, Triq Sant' Orsla kantuniera ma' Triq il-Batterija, it-triq li tagħti għall-*annex* tas-CBM u l-ġonna tal-barrakka ta' fuq magħluqa għall-pubbliku.

Nhar l-Erbgħa, 11 ta' Novembru, 2015 mis-2.00 p.m. sal-5.00 p.m. tal-Ħamis, 12 ta' Novembru, 2015 mix-Xatt ta' Lasacaris kantuniera mat-Telgħa tal-Kurċifiss, Xatt il-Barriera kantuniera mat-Telgħa ta' Liesse, Triq il-Mediterran kantuniera ma' Triq San Nikola, Triq il-Lvant kantuniera ma' Triq San Kristofru, Triq il-Lvant kantuniera ma' Triq San Duminku, Misraħ Sant' Iermu kantuniera ma' Triq il-Merkanti, Triq it-Tramuntana kantuniera ma' Triq il-Merkanti, Triq l-Isptar kantuniera ma' Triq il-Merkanti, Triq San Pawl kantuniera ma' Triq San Nikola, Triq San Nikola kantuniera ma' Triq Sant' Orsla, Triq San Nikola kantuniera ma' Triq l-Ibjar, Triq l-Ixprun kantuniera ma' Triq San Bastjan, Triq l-Ifran kantuniera ma' Triq San Bastjan u Triq il-Punent kantuniera ma' Triq San Bastjan.

Vetturi li jinstabu jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu soġġetti li jiġu rmunkati.

Ħal Safi

Nhar it-Tlieta, 10 ta' Novembru, 2015 minn nofsillejl sa nofsillejl ta' nhar il-Ġimgħa, 13 ta' Novembru, 2015 minn Triq Ħal Far.

Vetturi li jinstabu jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu soġġetti li jiġu rmunkati.

Is-27 ta' Ottubru, 2015

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 159

Bis-saħħa tal-Artikolu 52 (1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi tas-sewqan ma jkunux jistgħu jgħaddu mit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

L-Imqabba

Nhar is-Sibt, 31 ta' Ottubru, 2015 mill-5.00 a.m. sas-2.00 p.m. mill-Pjazza tal-Knisja u parti minn Triq Santa Katarina.

Vetturi li jinstabu jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu soġġetti li jiġu rmunkati.

Is-27 ta' Ottubru, 2015

On Wednesday, 11th November, 2015 from 2.00 p.m. till 10.00 p.m. of Thursday, 12 ta' Novembru, 2015 through Triq Ġlormu Cassar corner with War Memorial roundabout, Triq il-Papa Piju V corner with the New Parliament Building Steps, Triq Nofsinhar corner with Triq Zakkarija, Triq l-Ordinanzja corner with Triq il-Vitorja, Triq il-Merkanti corner with Triq Melita, Triq San Pawl corner with Triq Melita, Triq Sant'Orsla corner with Triq il-Batterija, off road leading to CBM annex and upper barrakka gardens closed to the general public.

On Wednesday, 11th November, 2015 from 2.00 p.m. till 5.00 p.m. of Thursday, 12th November, 2015 through Xatt ta' Lascaris corner with Crucifix Hill, Xatt il-Barriera corner with Ta' Liesse Hill, Triq il-Mediterran corner with Triq San Nikola, Triq il-Lvant corner with Triq San Kristofru, Triq il-Lvant corner with Triq San Duminku, Misraħ Sant' Iermu corner with Triq il-Merkanti, Triq it-Tramuntana corner with Triq il-Merkanti, Triq l-Isptar corner with Triq il-Merkanti, Triq San Pawl corner with Triq San Nikola, Triq San Nikola corner with Triq Sant' Orsla, Triq San Nikola corner with Triq l-Ibjar, Triq l-Ixprun corner with Triq San Bastjan, Triq l-Ifran corner with Triq San Bastjan and Triq il-Punent corner with Triq San Bastjan.

Any vehicles found parked in contravention to the order of this notice are liable to be towed away.

Ħal Safi

On Tuesday, 10th November, 2015 from midnight till midnight of Friday, 13th November, 2015 through Triq Ħal Far.

Any vehicles found parked in contravention to the order of this notice are liable to be towed away.

27th October, 2015

POLICE NOTICE

No. 159

In virtue of Article 52 (1) of the Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65), the Commissioner of Police hereby notifies that the transit of vehicles through the streets mentioned hereunder will be suspended up to the dates and times indicated.

Mqabba

On Saturday, 31st October, 2015 from 5.00 a.m. till 2.00 p.m. through Pjazza tal-Knisja and part of Triq Santa Katarina.

Any vehicles found parked in contravention to the order of this notice are liable to be towed away.

27th October, 2015

MINISTERU GĦALL-AFFARIJIET
EWROPEJ U TWETTIQ
TAL-MANIFEST ELETTORALI

Pożizzjoni ta' *Research Analyst*
fil-Ministeru għall-Affarijiet Ewropej
u Twettiq tal-Manifest Elettorali

(Approvazzjoni skont il-capacity building datata 22 ta' Ottubru, 2015)

"Skont klawsola 3.1(l) tal-Ftehim Kollettiv kurrenti, nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil".

Is-Segretarju Permanenti, Ministeru għall-Affarijiet Ewropej u Twettiq tal-Manifest Elettorali jilqa' applikazzjonijiet għall-pożizzjoni ta' *Research Analyst* f'dawn l-oqsma:

a) *Justice and Home Affairs*
b) *Economic and Financial Affairs*
c) *EU Funds, Programmes and Staffing*

Tul tal-*Assignment* u Kundizzjonijiet

2.1 Il-persuna magħżula għall-pożizzjoni ta' *Research Analyst* tkun stazzjonata fi Brussell (Belġju) fi ħdan ir-Rappreżentanza Permanenti ta' Malta għall-Unjoni Ewropea u tkun responsabbli biex tipprovdi assistenza lit-*Technical Attachés* kif u meta meħtieg.

2.2 Din il-ħatra hija għal sitta u tletin (36) xahar. Uffiċjali li jkunu jixtiequ jkomplu jservu għal terminu ieħor iridu jerġgħu japplikaw wara li toħroġ sejħa ġdida għall-applikazzjonijiet.

2.3 Il-persuna magħżula tkun marbuta bit-termini u l-kundizzjonijiet stipulati fil-ftehim ta' *Research Analyst*.

2.4 F'każ ta' riżultati mhux sodisfaċenti bħala *Research Analyst* matul il-perjodu tal-Ftehim, il-Ftehim jintemm. Barra minn hekk il-pożizzjoni ta' *Research Analyst* hija kkunsidrata bħala pożizzjoni ta' fiduċja li taqa' taħt ir-Regolament 7 (4)(b)(ii) tal-Liġi Sussidjarja 452.81 intitolat "Regolamenti dwar Kuntratti ta' Servizz għal Żmien Fiss."

3.1 Impjegati li jkunu jaħdmu fis-Settur Pubbliku u jkunu magħżula għall-pożizzjoni ta' *Research Analyst* jridu jagħmlu l-arranġamenti tagħhom mal-entità li timpjegahom biex jiġu rilaxxati fil-perjodu li huma jkunu se jservu bħala *Research Analyst*. Dan l-arranġament irid isir qabel jiġi ffirmat il-Ftehim ta' *Research Analyst*.

MINISTRY FOR EUROPEAN AFFAIRS
AND IMPLEMENTATION
OF THE ELECTORAL MANIFESTO

Position of Research Analyst
in the Ministry for European Affairs
and Implementation of the Electoral Manifesto

(Capacity building approval dated 22nd October, 2015)

"In accordance with clause 3.1(l) of the current Collective Agreement, nomenclatures importing the male gender include also the female gender".

The Permanent Secretary, Ministry for European Affairs and Implementation of the Electoral Manifesto invites applications for the position of Research Analyst in the following areas:

a) Justice and Home Affairs
b) Economic and Financial Affairs
c) EU Funds, Programmes and Staffing

Duration of Assignment and Conditions

2.1 The selected candidate appointed to the position of Research Analyst will be stationed in Brussels (Belgium) within the Permanent Representation of Malta to the European Union and will be responsible to provide assistance to the Technical Attachés as and wherever necessary.

2.2 This engagement is for a duration of thirty-six (36) months. Officers who wish to serve for a further term must re-apply through a fresh call for applications.

2.3 The selected candidate will be bound by the terms and conditions stipulated in the Agreement of Research Analyst.

2.4 Unsatisfactory performance as Research Analyst during the assignment period will lead to termination of the Agreement. Moreover, the position of Research Officer is considered to be a position of trust in terms of Regulation 7(4)(b)(ii) of S.L. 452.81 entitled Contracts of Service for a Fixed Term Regulations.

3.1 Public sector employees selected for the position of Research Analyst must make their own arrangements with their employing entity with regards to their release for the period during which they are to serve as Research Analyst before signing their Agreement as Research Analyst.

3.2 Jekk il-persuna magħżula tkun uffiċjal pubbliku li għandha grad/sostantiv/status indefinit fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, hija żżomm il-grad sostantiv/status indefinit tagħha waqt il-perjodu tal-Ftehim ta' *Research Analyst* u terġa' lura għal dan il-grad sostantiv/status indefinit meta hija ma tibqax tokkupa l-pożizzjoni ta' *Research Analyst*.

3.3 Fil-każ li l-persuna magħżula ma tkunx uffiċjal pubbliku li ma jkollhiex grad sostantiv/status indefinit fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, is-servizz tagħha fis-Servizz Pubbliku jieqaf f'każ li l-persuna ma tibqax tokkupa l-pożizzjoni ta' *Research Analyst*.

3.4 Fil-każ li l-persuna magħżula tkun ġejja minn entità fis-Settur Pubbliku u li tkun rilaxxata mill-entità konċernata biex tokkupa l-pożizzjoni ta' *Research Analyst*, il-persuna magħżula terġa' tibda taħdem ma' dik l-entità fil-mument li hija ma tibqax tokkupa l-pożizzjoni ta' *Research Analyst*.

Salarju marbut mal-pożizzjoni

4.1.1 Is-salarju għall-pożizzjoni ta' *Research Analyst* huwa ekwivalenti għall-massimu ta' Skala ta' Salarju 9 (€21,471 fil-2015). Il-persuna magħżula bħala *Research Analyst* waqt it-tul tal-Ftehim, tirċievi benefiċċji u *allowances* li huwa intitolat għalihom uffiċjal li jokkupa l-*maximum step* tal-pożizzjoni ta' *Second Secretary* fil-qasam tad-Diplomazija (Salarju Skala 10).

4.1.2 F'dawk il-każijiet li l-persuna magħżula tkun diġà sservi fil-pożizzjoni ta' *Research Analyst* b'salarju, benefiċċji u *allowances* li huma ogħla minn dawk stipulati f'artiklu 4.1.1, il-kumpensazzjoni li tapplika f'dawn il-każijiet rari f'każ ta' *re-appointment* hija dik tal-ogħla skala ta' salarju, benefiċċji u *allowances*.

4.2 Għat-tul tal-Ftehim, ir- *Research Analyst* ikun marbut mal-"*Conditions of Service for Officers Serving Overseas" (MFA 97/89 (II); CONSDER July 1994)* li jistgħu jiġu aġġornati minn żmien għal żmien.

Dmirijiet

5.1 L-ingaġġ bħala *Research Analyst* huwa fuq bażi *full-time* u l-persuna magħżula tkun residenti fi Brussell (Belġju).

5.2 Il-persuna magħżula hija mistennija li tkun imxiet lejn Brussell fi żmien xahar li tkun infurmata li tkun għaddiet b'suċċess mill-proċess tal-applikazzjoni.

3.2 If the selected candidate is a public officer holding a substantive grade/indefinite status in the Malta Public Service, he/she will retain his/her substantive grade/indefinite status during the Agreement as Research Analyst and will revert to his/her substantive grade/indefinite status once he/she no longer holds the position of Research Analyst.

3.3 In the case of a selected candidate who is not a public officer holding a substantive grade/indefinite status in the Malta Public Service, his/her service with the Public Service will be discontinued in the event that the incumbent no longer holds the position of Research Analyst.

3.4 In the case of a selected candidate emanating from a public sector entity and who is granted release by the entity in order to take up the position of Research Analyst, the selected candidate will resume his/her employment with such entity once he/she no longer holds the position of Research Analyst.

Salary pegged to the position

4.1.1 The salary attached to the position of Research Analyst is the maximum point of Salary Scale 9 of the Public Service salary scales (€21,471 in 2015). In addition, for the duration of his/her Agreement, the Research Analyst shall receive the benefits and allowances payable to officers at the maximum step of the Diplomatic Grade of Second Secretary (Salary Scale 10).

4.1.2 In cases where the selected candidate is already currently serving in the position of Research Analyst at a salary scale, benefits and allowances that are higher than those established at section 4.1.1 above, the applicable compensation upon re-appointment in such exceptional cases shall be the higher applicable salary scale, benefits and allowances.

4.2 For the duration of the Agreement, the Research Analyst shall abide by the "Conditions of Service for Officers Serving Overseas" (MFA 97/89(II); CONDSER July 1994) and which may be updated from time to time.

Duties

5.1 The engagement as Research Analyst is on a full-time basis and the selected candidate will be resident in Brussels (Belgium).

5.2 The selected candidate is expected to be able to move to Brussels within one month of being informed that s/he has been successful in the application process.

5.3 Kopji tal-*position description* li jikkonċernaw dawn il-pożizzjonijiet jistgħu jinġiebu mill-Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti, Ministeru għall-Affarijiet Ewropej u Twettiq tal-Manifest Elettorali (hr.meaim@gov.mt).

Applikazjonijiet u Rekwiżiti tal-Eliġibbiltà

6.1 L-applikanti jistgħu japplikaw għat-tliet pożizzjonijiet maħruġa f'din iċ-ċirkulari. L-applikanti għandhom jindikaw b'mod ċar l-ordni tal-preferenza tagħhom.

6.2 Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom:

(i) ikunu ċittadini ta' Malta;

(ii) ikunu fluwenti fil-lingwa Maltija u dik Ingliża; għarfien tal-lingwa Franċiża huwa kkunsidrat bħala vantaġġ;

(iii) ikollhom *degree* rikonoxxuta u relevanti (f'Livell 6 tal-MQF) b'minimu ta' 180 ECTS/ECVETS li twassalhom biex jaqdu dmirijiethom b'mod effettiv fil-qasam/oqsma li jkunu applikaw għalihom;

iv) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li diġà qegħdin jaħdmu fis-Servizz Pubbliku jridu jippreżentaw is-*Service and Leave Record (GP 47);* filwaqt li dawk li japplikaw minn barra jridu jippreżentaw ċertifikat tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija jew awtorità oħra kompetenti mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data ta' din is-sejħa, u jindikaw jekk qatt kinux impjegati tal-Gvern, u jagħtu d-dettalji).

6.3 Applikazzjonijiet minn persuna li tkun diġà qed tokkupa l-pożizzjoni ta' *Research Analyst* fir-Rappreżentanza Permanenti ta' Malta għall-Unjoni Ewropea fi Brussell tkun biss ikkunsidrata jekk hija tkun serviet sad-data tal-għeluq ta' din it-talba għall-applikazzjonijiet minn tal-anqas sentejn fil-pożizzjoni kurrenti ta' *Research Analyst*.

Sottomissjoni ta' dokumentazzjoni

7.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti, li kopja tagħhom għandha tkun mehmuża mal-applikazzjoni. Kopji *scanned* mibgħuta b'mod elettroniku huma aċċettati.

7.2 Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

Proċeduri tal-Għażla

8.1. L-applikanti eliġibbli jiġu assessjati minn Bord tal-Għażla biex jiġi ddeterminat min hu adatt għall-pożizzjoni.

5.3 Copies of the position description in respect of the positions may be obtained from the Office of the Permanent Secretary, Ministry for European Affairs and Implementation of the Electoral Manifesto (hr.meaim@gov.mt).

Applications and Eligibility Requirements

6.1 Applicants may apply for the three advertised positions clearly indicating their order of preference.

6.2 By the closing time and date of this call for applications, applicants must:

(i) be citizens of Malta;

(ii) be proficient in the Maltese and English Languages; knowledge of French is considered an asset.

(iii) be in possession of a relevant recognised degree (at MQF Level 6) with a minimum of 180 ECTS/ECVETS that would enable them to effectively discharge their duties in the selected area(s) for which they apply;

(iv) be of good moral character (applicants who are already in the Malta Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP 47); those applying from outside the Service must produce a Certificate of Conduct issued by the Police or other competent authority not earlier than one (1) month from the date of application and state whether they have ever been in Government Service, giving details.

6.3 Applications from a serving Research Analyst at the Permanent Representations of Malta to the European Union in Brussels will only be considered if he/she have served by the closing date of this call for applications a minimum of two years in the current Research Analyst position.

Submission of supporting documentation

7.1 Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials, copies of which should be attached to the application. Scanned copies sent electronically are acceptable.

7.2 Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

Selection procedure

8.1 Eligible applicants will be assessed by a Selection Board to determine their suitability for the position.

Sottomissjoni tal-applikazzjoni

9. L-applikazzjonijiet flimkien ma' *curriculum vitae* li juri l-kwalifiki u l-esperjenza, jintlaqgħu mis-Segretarju Permanenti fil-Ministeru għall-Affarijiet Ewropej u Twettiq tal-Manifest Elettorali, Tal-Pilar, 31B, Triq Marsamxett, Il-Belt Valletta VLT 1850, sa mhux aktar tard minn nofsinhar (Ħin Ċentrali Ewropew) tat-Tlieta, l-10 ta' Novembru, 2015. L-applikazzjonijiet jistgħu ukoll jiġu sottomessi permezz tal-*Online Government Recruitment Portal* fuq (http://recruitment.gov.mt) sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, kif indikat hawn fuq. Aktar dettalji dwar is-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet jinsabu fid-dispożizzjonijiet ġenerali msemmija hawn isfel.

Dispożizzjonijiet ġenerali oħra

10. Dispożizzjonijiet ġenerali oħra dwar din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, b'referenza partikolari għall-

kundizzjonijiet applikabbli oħrajn;
bdil raġonevoli għall-persuni rreġistrati b'diżabbiltà;

sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-kwalifiki;
pubblikazzjoni tar-riżultat;
il-proċess sabiex tintbagħat petizzjoni dwar ir-riżultat;

eżami mediku;
aċċess għall-formola tal-applikazzjonijiet u dettalji relatati;
żamma ta' dokumenti

jinsabu fis-sit elettroniku tal-Uffiċċju tar-Riżorsi Umani fl-Amministrazzjoni Pubblika fl-indirizz (https://opm.gov.mt/en/PAHRO/RESOURCING/Documents/Forms%20and%20Templates/Public%20call%20position-%20general%20provisions%20june.pdf) jew jinkisbu mid-Direttorat għas-Servizz Korporattivi, Ministeru għall-Affarijiet Ewropej u Twettiq tal-Manifest Elettorali (+356 2295 7707). Dawn id-Dispożizzjonijiet Ġenerali għandhom jitqiesu bħala parti integrali minn din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Għall-fini ta' paragrafu 6.2 tad-Dispożizzjonijiet Ġenerali ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, in-numru tal-*fax* tad-Dipartiment/Diviżjoni/Direttorat riċeventi huwa (+356 2122 0668) filwaqt li l-indirizz tal-*email* huwa (hr.meaim@gov.mt).

Is-27 ta' Ottubru, 2015

Submission of applications

9. Applications, together with a *curriculum vitae* showing qualifications and experience, will be received by the Permanent Secretary, Ministry for European Affairs and Implementation of the Electoral Manifesto, Tal-Pilar, 31B, Triq Marsamxett, Valletta, VLT 1850, Malta by not later than noon (Central European Time) of Tuesday, 10th November, 2015. Applications may also be submitted through the Online Government Recruitment Portal on (http://recruitment.gov.mt) by the said closing time and date of this call for applications as indicated above. Further details concerning the submission of applications are contained in the general provisions referred to below.

Other general provisions

10. Other general provisions concerning this call for applications, with particular reference to:

other applicable conditions;
reasonable accommodation for registered persons with disability;
the submission of recognition statements in respect of qualifications;
the publication of the result;
the process for the submission of petitions concerning the result;
medical examination;
access to application forms and related details;
retention of documents

may be viewed by accessing the website of the Public Administration Human Resources Office at the address (https://opm.gov.mt/en/PAHRO/RESOURCING/Documents/Forms%20and%20Templates/Public%20call%20position-%20general%20provisions%20june.pdf) or may be obtained from the Director, Corporate Services, Ministry for European Affairs and Implementation of the Electoral Manifesto(+356 2295 7707). These general provisions are to be regarded as an integral part of this call for applications.

For the purpose of paragraph 6.2 of the General Provisions of this call for applications, the fax number of the receiving Department/Division/Directorate is (+356 2122 0668) and the e-mail address is (hr.meaim@gov.mt).

27th October, 2015

MINISTERU GĦALL-AFFARIJIET
EWROPEJ U TWETTIQ
TAL-MANIFEST ELETTORALI

Pożizzjoni ta' *Technical Attaché*
fil-Ministeru għall-Affarijiet Ewropej
u t-Twettiq tal-Manifest Elettorali

(Approvazzjoni skont il-capacity building
datata t-22 ta' Ottubru, 2015)

"Skont klawsola 3.1(l) tal-Ftehim Kollettiv kurrenti, nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil".

Is-Segretarju Permanenti, Ministeru għall-Affarijiet Ewropej u Twettiq tal-Manifest Elettorali jilqa' applikazzjonijiet għall-pożizzjoni ta' *Technical Attaché* f'dawn l-oqsma:

a) *Law and Judicial Co-operation*
b) *Telecommunications and Aviation*
c) *Agriculture (Veterinary and Phytosanitary)*
d) *Legal*
e) *EU Funds, Programmes and Staffing*
f) *Employment and Social Policy (Horizontal Support)*
g) *Agriculture (Horizontal)*
h) *CFSP/CSDP*
i) *Trade*
j) *Competitiveness*

Tul tal-*Assignment* u Kundizzjonijiet

2.1 Il-persuna magħżula għall-pożizzjoni ta' *Technical Attaché* tkun stazzjonata fi Brussell (Belġju) fi ħdan ir-Rappreżentanza Permanenti ta' Malta għall-Unjoni Ewropea u tkun responsabbli għal qasam partikolari fil-fora tal-Unjoni Ewropea.

2.2 Din il-ħatra hija għal sitta u tletin (36) xahar. Uffiċjali li jkunu jixtiequ jkomplu jservu għal terminu ieħor iridu jerġgħu japplikaw wara li toħroġ sejħa ġdida għall-applikazzjonijiet.

2.3 Il-persuna magħżula tkun marbuta bit-termini u l-kundizzjonijiet stipulati fil-ftehim ta' *Technical Attaché*.

2.4 F'każ ta' riżultati mhux sodisfaċenti bħala *Technical Attaché* matul il-perjodu tal-Ftehim, il-Ftehim jintemm. Barra minn hekk il-pożizzjoni ta' *Technical Attaché* hija kkunsidrata bħala pożizzjoni ta' fiduċja li taqa' taħt ir-Regolament 7 (4) (b) (ii) tal-Liġi Sussidjarja 452.81 intitolat "Regolamenti dwar Kuntratti ta' Servizz għal Żmien Fiss."

3.1 Impjegati li jkunu jaħdmu fis-Settur Pubbliku u jkunu magħżula għall-pożizzjoni ta' *Technical Attaché* jridu

MINISTRY FOR EUROPEAN AFFAIRS
AND IMPLEMENTATION
OF THE ELECTORAL MANIFESTO

Position of Technical Attaché in the Ministry
for European Affairs and Implementation
of the Electoral Manifesto

(Capacity building approval
dated 22nd October, 2015)

"In accordance with clause 3.1(l) of the current Collective Agreement, nomenclatures importing the male gender include also the female gender".

The Permanent Secretary, Ministry for European Affairs and Implementation of the Electoral Manifesto invites applications for the position of Technical Attaché in the following areas:

a) Law and Judicial Co-operation
b) Telecommunications and Aviation
c) Agriculture (Veterinary and Phytosanitary)
d) Legal
e) EU Funds, Programmes and Staffing
f) Employment and Social Policy (Horizontal Support)
g) Agriculture (Horizontal)
h) CFSP/CSDP
i) Trade
j) Competitiveness

Duration of Assignment and Conditions

2.1 The selected candidate appointed to the position of Technical Attaché will be stationed in Brussels (Belgium) within the Permanent Representation of Malta to the European Union and will be responsible for the particular areas of interest in the European Union fora.

2.2 This engagement is for a duration of thirty-six (36) months. Officers who wish to serve for a further term must re-apply through a fresh call for applications.

2.3 The selected candidate will be bound by the terms and conditions stipulated in the Agreement of Technical Attaché.

2.4 Unsatisfactory performance as Technical Attaché during the assignment period will lead to termination of the Agreement. Moreover, the position of Technical Attaché is considered to be a position of trust in terms of Regulation 7(4)(b)(ii) of S.L. 452.81 entitled Contracts of Service for a Fixed Term Regulations.

3.1 Public sector employees selected for the position of Technical Attaché must make their own arrangements with

jagħmlu l-arranġamenti tagħhom mal-entità li timpjegahom biex jiġu rilaxxati fil-perjodu li huma jkunu se jservu bħala *Technical Attaché*. Dan l-arranġament irid isir qabel jiġi ffirmat il-Ftehim ta' *Technical Attaché*.

3.2 Jekk il-persuna magħżula tkun uffiċjal pubbliku li għandha grad/sostantiv/status indefinit fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, hija żżomm il-grad sostantiv/status indefinit tagħha waqt il-perjodu tal-Ftehim tat-*Technical Attaché* u terġa' lura għal dan il-grad sostantiv/status indefinit meta hija ma tibqax tokkupa l-pożizzjoni ta' *Technical Attaché*.

3.3 Fil-każ li l-persuna magħżula ma tkunx uffiċjal pubbliku li ma jkollhiex grad sostantiv/status indefinit fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, is-servizz tagħha fis-Servizz Pubbliku jieqaf f'każ li l-persuna ma tibqax tokkupa l-pożizzjoni ta' *Technical Attaché*.

3.4 Fil-każ li l-persuna magħżula tkun ġejja minn entità fis-Settur Pubbliku u li tkun rilaxxata mill-entità konċernata biex tokkupa l-pożizzjoni ta' *Technical Attaché*, il-persuna magħżula terġa tibda taħdem ma' dik l-entità fil-mument li hija ma tibqax tokkupa l-pożizzjoni ta' *Technical Attaché*.

Salarju marbut mal-pożizzjoni

4.1.1 Is-salarju għall-pożizzjoni ta' *Technical Attaché* huwa ekwivalenti għall-massimu ta' Skala ta' Salarju 7 (€24,614 fl-2015).) Il-persuna magħżula bħala *Technical Attaché* waqt it-tul tal-Ftehim, tirċievi benefiċċji u *allowances* li huwa intitolat għalihom uffiċjal li jokkupa l-*maximum step* tal-pożizzjoni ta' *Counsellor* fil-qasam tad-Diplomazija (Salarju Skala 7).

4.1.2 F'dawk il-każijiet li l-persuna magħżula tkun diġa' sservi fil-pożizzjoni ta' *Technical Attaché* b'salarju, benefiċċji u *allowances* li huma ogħla minn dawk stipulati f'artiklu 4.1.1, il-kumpensazzjoni li tapplika f'dawn il-każijiet rari f'każ ta' *re-appointment* hija dik tal-ogħla skala ta' salarju, benefiċċji u *allowances*.

4.2 Għat-tul tal-Ftehim, it-*Technical Attaché* ikun marbut mal-"*Conditions of Service for Officers Serving Overseas" (MFA 97/89 (II); CONSDER July 1994)* li jistgħu jiġu aġġornati minn żmien għal żmien.

Dmirijiet

5.1 L-ingaġġ bħala *Technical Attaché* huwa fuq bażi *full-time* u l-persuna magħżula tkun residenti fi Brussell (Belġju).

5.2 Il-persuna magħżula hija mistennija li tkun imxiet lejn Brussell fi żmien xahar li tkun infurmata li tkun għaddiet b'suċċess mill-proċess tal-applikazzjoni.

their employing entity with regards to their release for the period during which they are to serve as Technical Attaché before signing their Agreement as Technical Attaché.

3.2 If the selected candidate is a public officer holding a substantive grade/indefinite status in the Malta Public Service, he/she will retain his/her substantive grade /indefinite status during the Agreement as Technical Attaché and will revert to his/her substantive grade/indefinite status once he/she no longer holds the position of Technical Attaché.

3.3 In the case of a selected candidate who is not a public officer holding a substantive grade/indefinite status in the Malta Public Service, his/her service with the Public Service will be discontinued in the event that the incumbent no longer holds the position of Technical Attaché.

3.4 In the case of a selected candidate emanating from a public sector entity and who is granted release by the entity in order to take up the position of Technical Attaché, the selected candidate will resume his/her employment with such entity once he/she no longer holds the position of Technical Attaché.

Salary pegged to the position

4.1.1 The salary attached to the position of Technical Attaché is the maximum point of salary scale 7 of the Public Service salary scales (€24,614 in 2015). In addition, for the duration of his/her Agreement, the Technical Attaché shall receive the benefits and allowances payable to officers at the maximum step of the Diplomatic Grade of Counsellor (Salary Scale 7).

4.1.2 In cases where the selected candidate is already currently serving in the position of Technical Attaché at a salary scale, benefits and allowances that are higher than those established at section 4.1.1 above, the applicable compensation upon re-appointment in such exceptional cases shall be the higher applicable salary scale, benefits and allowances.

4.2 For the duration of the Agreement, the Technical Attaché shall abide by the "Conditions of Service for Officers Serving Overseas" (MFA 97/89(II); CONDSER July 1994) and which may be updated from time to time.

Duties

5.1 The engagement as Technical Attaché is on a full-time basis and the selected candidate will be resident in Brussels (Belgium).

5.2 The selected candidate is expected to be able to move to Brussels within one month of being informed that s/he has been successful in the application process.

5.3 Kopji tal-*position description* li jikkonċernaw dawn il-pożizzjonijiet jistgħu jinġiebu mill-Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti, Ministeru għall-Affarijiet Ewropej u Twettiq tal-Manifest Elettorali (hr.meaim@gov.mt).

Applikazzjonijiet u Rekwiżiti tal-eliġibbiltà

6.1 L-applikanti jistgħu japplikaw sa massimu ta' tlieta (3) mill-pożizzjonijiet maħruġa. Huma għandhom jindikaw biċ-ċar l-ordni tal-preferenzi tagħhom.

6.2 Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom:

(i) ikunu ċittadini ta' Malta;

(ii) ikunu fluwenti fil-lingwa Maltija u dik Ingliża; għarfien tal-lingwa Franċiża huwa kkunsidrat bħala vantaġġ;

(iii) (a) ikollhom *degree* rikonoxxuta u relevanti (f'Livell 6 tal-MQF) b'minimu ta' 180 ECTS/ECVETS li twassalhom biex jaqdu dmirijiethom b'mod effettiv fil-qasam/oqsma li jkunu applikaw għalihom;

jew

(b) Fil-każ tal-pożizzjoni ta' *Technical Attaché* (CFSD/CSDP), wieħed jrid ikun *serving officer* fil-Forżi Armati ta' Malta u għandu jkollu t-taħriġ neċessarju u relevanti kif ukoll l-għarfien ippruvat fil-qasam speċjalizzat tiegħu.

(iv) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li diġà qegħdin jaħdmu fis-Servizz Pubbliku jridu jippreżentaw is-*Service and Leave Record (GP 47);* filwaqt li dawk li japplikaw minn barra jridu jippreżentaw ċertifikat tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija jew awtorità oħra kompetenti mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data ta' din is-sejħa, u jindikaw jekk qatt kinux impjegati tal-Gvern, u jagħtu d-dettalji).

6.3 Applikazzjonijiet minn persuna li tkun diġà qed tokkupa l-pożizzjoni ta' *Technical Attaché* fir-Rappreżentanza Permanenti ta' Malta għall-Unjoni Ewropea fi Brussell tkun biss ikkunsidrata jekk hija tkun serviet sad-data tal-għeluq ta' din it-talba għall-applikazjonijiet minn tal-anqas sentejn fil-pożizzjoni kurrenti ta' *Technical Attaché*.

Sottomissjoni ta' dokumentazzjoni

7.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti, li kopja tagħhom għandha tkun mehmuża mal-applikazzjoni. Kopji *scanned* mibgħuta b'mod elettroniku huma aċċettati.

7.2 Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

5.3 Copies of the position description in respect of the positions may be obtained from the Office of the Permanent Secretary, Ministry for European Affairs and Implementation of the Electoral Manifesto (hr.meaim@gov.mt).

Applications and eligibility requirements

6.1 Applicants may apply to a maximum of three (3) of the advertised positions clearly indicating their order of preference.

6.2 By the closing time and date of this call for applications, applicants must:

(i) be citizens of Malta;

(ii) be proficient in the Maltese and English Languages; knowledge of French is considered an asset.

(iii) (a) be in possession of a relevant recognised degree (at MQF Level 6) with a minimum of 180 ECTS/ECVETS that would enable them to effectively discharge their duties in the selected area(s) for which they apply;

Or

(b) In the case of the position of Technical Attaché (CFSP/CSDP) one must be a serving officer in the Armed Forces of Malta and must have the necessary relevant training and proved expertise in the respective specialized area;

(iv) be of good moral character (applicants who are already in the Malta Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP 47); those applying from outside the Service must produce a Certificate of Conduct issued by the Police or other competent authority not earlier than one (1) month from the date of application and state whether they have ever been in Government Service, giving details.

6.3 Applications from a serving Technical Attaché at the Permanent Representations of Malta to the European Union in Brussels will only be considered if he/she have served by the closing date of this call for applications a minimum of at least two years in the current Technical Attaché position.

Submission of supporting documentation

7.1 Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials, copies of which should be attached to the application. Scanned copies sent electronically are acceptable.

7.2 Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

Proċeduri tal-Għażla

8.1. L-applikanti eliġibbli jiġu assessjati minn Bord tal-Għażla biex jiġi ddeterminat min hu adatt għall-pożizzjoni.

Sottomissjoni tal-applikazzjoni

9. L-applikazzjonijiet flimkien ma' *curriculum vitae* li juri l-kwalifiki u l-esperjenza, jintlaqgħu mis-Segretarju Permanenti fil-Ministeru għall-Affarijiet Ewropej u Twettiq tal-Manifest Elettorali, Tal-Pilar, 31B, Triq Marsamxett, Valletta VLT 1850, sa mhux aktar tard minn nofsinhar (Ħin Ċentrali Ewropew) tat-Tlieta, 10 ta' Novembru, 2015. L-applikazzjonijiet jistgħu wkoll jiġu sottomessi permezz tal-*Online Government Recruitment Portal* fuq (http://recruitment.gov.mt) sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, kif indikat hawn fuq. Aktar dettalji dwar is-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet jinsabu fid-dispożizzjonijiet ġenerali msemmija hawn isfel.

Dispożizzjonijiet ġenerali oħra

10. Dispożizzjonijiet ġenerali oħra dwar din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, b'referenza partikolari għall-

kundizzjonijiet applikabbli oħrajn;
bdil raġonevoli għall-persuni rreġistrati b'diżabbiltà;

sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-kwalifiki;
pubblikazzjoni tar-riżultat;
il-proċess sabiex tintbagħat petizzjoni dwar ir-riżultat;

eżami mediku ;
aċċess għall-formola tal-applikazzjonijiet u dettalji relatati;
żamma ta' dokumenti

jinsabu fis-sit elettroniku tal-Uffiċċju tar-Riżorsi Umani fl-Amministrazzjoni Pubblika fl-indirizz (https://opm.gov.mt/en/PAHRO/RESOURCING/Documents/Forms%20and%20Templates/Public%20call%20position-%20general%20provisions%20june.pdf) jew jinkisbu mid-Direttorat għas-Servizz Korporattivi, Ministeru għall-Affarijiet Ewropej u Twettiq tal-Manifest Elettorali (+356 2295 7707). Dawn id-Dispożizzjonijiet Ġenerali għandhom jitqiesu bħala parti integrali minn din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Għall-fini ta' paragrafu 6.2 tad-Dispożizzjonijiet Ġenerali ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, in-numru tal-*fax* tad-Dipartiment/Diviżjoni/Direttorat riċeventi huwa (+356 2122 0668) filwaqt li l-indirizz tal-*email* huwa (hr.meaim@gov.mt).

Is-27 ta' ottubru, 2015

Selection procedure

8.1 Eligible applicants will be assessed by a Selection Board to determine their suitability for the position.

Submission of applications

9. Applications, together with a *curriculum vitae* showing qualifications and experience, will be received by the Permanent Secretary, Ministry for European Affairs and Implementation of the Electoral Manifesto, Tal-Pilar, 31B, Triq Marsamxett, Valletta, VLT 1850, Malta by not later than noon (Central European Time) of Tuesday, 10th November, 2015. Applications may also be submitted through the Online Government Recruitment Portal on (http://recruitment.gov.mt) by the said closing time and date of this call for applications, as indicated above. Further details concerning the submission of applications are contained in the general provisions referred to below.

Other general provisions

10. Other general provisions concerning this call for applications, with particular reference to:

other applicable conditions;
reasonable accommodation for registered persons with disability;
the submission of recognition statements in respect of qualifications;
the publication of the result;
the process for the submission of petitions concerning the result;
medical examination;
access to application forms and related details;
retention of documents

may be viewed by accessing the website of the Public Administration Human Resources Office at the address (https://opm.gov.mt/en/PAHRO/RESOURCING/Documents/Forms%20and%20Templates/Public%20call%20position-%20general%20provisions%20june.pdf) or may be obtained from the Director, Corporate Services, Ministry for European Affairs and Implementation of the Electoral Manifesto(+356 2295 7707). These general provisions are to be regarded as an integral part of this call for applications.

For the purpose of paragraph 6.2 of the General Provisions of this call for applications, the fax number of the receiving Department/Division/Directorate is +356 2122 0668 and the e-mail address is (hr.meaim@gov.mt).

27th October, 2015

MINISTERU GĦALL-IŻVILUPP SOSTENIBBLI, L-AMBJENT U TIBDIL FIL-KLIMA

Pożizzjoni ta' *Park Management Support Officer* fil-Ministeru għall-Iżvilupp Sostenibbli, l-Ambjent u Tibdil fil-Klima

(Approvazzjoni skont il-capacity building datata t-23 ta' Ottubru, 2015)

Skont klawsola 3.1(l) tal-Ftehim Kollettiv kurrenti, nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.

Id-Direttur għas-Servizzi Korporattivi, f'isem is-Segretarju Permanenti, Ministeru għall-Iżvilupp Sostenibbli, l-Ambjent u Tibdil fil-Klima, jilqa' applikazzjonijiet għall-pożizzjoni ta' *Park Management Support Officer* fil-Ministeru għall-Iżvilupp Sostenibbli, l-Ambjent u Tibdil fil-Klima.

Tul tal-*Assignment* u Kundizzjonijiet

2.1 Persuna magħżula tidħol f'*assignment* ta' sitta u tletin (36) xahar bħala *Park Management Support Officer* fil-Ministeru għall-Iżvilupp Sostenibbli, l-Ambjent u Tibdil fil-Klima, li jista' jiġġedded għal perjodi oħra.

2.2 Il-pożizzjoni ta' *Park Management Support Officer* hija suġġetta għal perjodu ta' prova ta' tnax-il (12) xahar.

Salarju marbut mal-pożizzjoni

3. Is-salarju għall-pożizzjoni ta' *Park Management Support Officer* huwa ekwivalenti għal Skala ta' Salarju 11 (li fis-sena 2015 huwa ta' €16,558.98 fis-sena li jitla' b'żidiet fis-sena ta' €375.17 sa massimu ta' €18,810).

Dmirijiet

4**.** Id-dmirijiet ta' persuna fil-ħatra ta' *Park Management Support Officer* jinkludu li:

(i) Tipprovdi appoġġ fit-tmexxija tal-irziezet Tal-Bosk, Tal-Bagħal u Tal-Ispirtu fil-Buskett, wara r-restawr li sarilhom b'kofinanzjment mill-FEAŻR;

(ii) Tikkordina mad-Direttorat tal-PARKS u Inizjattivi u ma' għaqdiet mhux governattivi fuq kwistjonijiet relatati mal-manutenzjoni u ż-żamma tal-binjiet, u tikkordina u tagħmel superviżjoni fuq xogħlijiet ta' tiswija li jkunu meħtieġa;

(iii) Tassisti lill-għaqdiet mhux governattivi li jmexxu l-iriziezet T*al-Bosk* u *Tal-Bagħal* jiġifieri Birdlife Malta u l-FKNK rispettivament;

MINISTRY FOR SUSTAINABLE DEVELOPMENT, THE ENVIRONMENT AND CLIMATE CHANGE

Position of Park Management Support Officer in rhe Ministry for Sustainable Development, the Environment and Climate Change

(Capacity building approval dated 23rd October, 2015)

In accordance with clause 3.1(l) of the current Collective Agreement, nomenclatures importing the male gender include also the female gender.

The Director Corporate Services, on behalf of the Permanent Secretary, Ministry for Sustainable Development, the Environment and Climate Change, invites applications for the position of Park Management Support Officer in the Ministry for Sustainable Development, the Environment and Climate Change.

Duration of Assignment and Conditions

2.1 A selected candidate will enter into a thirty-six (36) month assignment as a Park Management Support Officer in the Ministry for Sustainable Development, the Environment and Climate Change, which may be renewed for further periods.

2.2 The position of Park Management Support Officer is subject to a probationary period of twelve (12) months.

Salary pegged to the position

3. The salary attached to the position of Park Management Support Officer is equivalent to Salary Scale 11 (which in the year 2015 is €16,558.98 per annum rising by annual increments of €375.17 up to a maximum of €18,810).

Duties

4. The duties of Park Management Support Officer include:

(i) Providing support with the management of the *Tal-Bosk*, *Tal-Bagħal* and *Tal-Ispirtu* farmhouses in Buskett, following their restoration through EAFRD co-financing;

(ii) Liaising with the PARKS and Initiatives Directorate and with NGOs on issues related to the maintenance and upkeep of the premises, and coordinating and supervising any necessary repair works;

(iii) Assisting managing NGOs (Birdlife Malta and FKNK) with the management of *Tal-Bosk* and *Tal-Bagħal* farmhouses respectively;

(iv) Tipprovdi assistenza fi proġetti li jikkonċernaw riintroduzzjoni ta' għasafar selvaġġi u rijabilitazzjoni ta' għasafar feruti;

(v) Tħejji estimi tan-nefqa u *business plans* li jikkonċernaw l-amministrazzjoni tal-irziezet;

(vi) Tiddisinja u timplimenta programmi edukattivi li jinkludi żjarat fuq is-sit u żjajjar bil-gwida madwar il-Buskett għall-pubbliku ġenerali, għat-tfal tal-iskola u gruppi oħra interessati;

(vii) Tqajjem kuxjenza u għarfien dwar il-bijodiversità tal-Buskett u kif ukoll il-wirt naturali u kulturali tiegħu;

(viii) Tikkordina u torganizza attivitajiet u laqgħat ta' informazzjoni għall-pubbliku;

(ix) Tiddisinja, tikkummissjoni, tipproduċi u tqassam materjal ta' informazzjoni relevanti;

(x) Torganizza rondi ta' sigurtà u sorvelljanza madwar il-Buskett;

(xi) Tħejji rapporti, iżżomm rekords, statistiċi u inventarji, u tikkordina x-xiri;

(xii) Twettaq dmirijiet oħra kif assenjati mis-Segretarju Permanenti, MSDEC, mid-Direttur (PARKS) u/jew ir-rappreżentant/a/i tagħhom;

(xiii) Twettaq dmirjiet oħra skont l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku skont struzzjonijiet mogħtija mis-Segretarju Permanenti Ewlieni.

Rekwiżiti tal-eliġibbiltà

5.1 Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom ikunu:

(i) (a) ċittadini ta' Malta; jew

(b) ċittadini ta' Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg bis-saħħa ta' leġislazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqlieq ħieles tal-ħaddiema; jew

(ċ) ċittadini ta' kwalunkwe pajjiż ieħor li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg minħabba li jkunu japplikaw għal dak il-pajjiż b'leġislazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqlieq ħieles tal-ħaddiema; jew

(d) kwalunkwe persuni oħra li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet

(iv) Providing assistance with projects concerning reintroduction of wild birds and rehabilitation of injured birds;

(v) Preparing cost estimates and business plans concerning administration of the farmhouses;

(vi) Designing and implementing educational programmes, including site visits and guided tours of the Buskett Woodland, for the general public, school children and other interest groups;

(vii) Promoting awareness and knowledge of the biodiversity at Buskett as well as the woodland's natural and cultural heritage;

(viii) Coordinating and organising public information events and meetings;

(ix) Designing, commissioning, producing and distributing relevant information materials;

(x) Organising security surveillance patrols at the Buskett Woodland;

(xi) Preparing reports, keeping records, statistics and inventories, and coordinating procurement;

(xii) Any other duties as assigned by the Permanent Secretary, MSDEC, the Director (PARKS) and/or their representative/s;

(xiii) Any other duties according to the exigencies of the Public Service, as directed by the Principal Permanent Secretary

Eligibility requirements

5.1 By the closing time and date of this call for applications, applicants must be:

(i) (a) citizens of Malta; or

(b) citizens of other Member States of the European Union who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters of employment by virtue of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

(c) citizens of any other country who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment by virtue of the application to that country of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

(d) any other persons who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment in

ta' impjieg permezz tar-relazzjoni familjari tagħhom ma' persuni msemmija f'(a), (b) jew (ċ), skont kif hemm fil-liġi jew fil-leġislazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati msemmija hawn fuq; jew

(e) ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw status ta' residenti li joqogħdu għal żmien twil f'Malta taħt ir-regolament 4 tar-Regolamenti tal-2006 dwar "Status ta' Residenti li joqogħdu għal Żmien Twil (Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi)", jew li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-regolament 18 (3) tal-istess regolamenti, flimkien mal-membri tal-familja ta' ċittadini ta' pajjiż terzi li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-Regolamenti tal-2007 dwar ir-Rijunifikazzjoni tal-Familji.

Għandu jintalab il-parir tad-Dipartiment taċ-Ċittadinanza u *Expatriates* skont il-ħtieġa fl-interpretazzjoni tal-dispożizzjonijiet imsemmija hawn fuq.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(b), (ċ), (d) u (e) hawn fuq teħtieġ il-ħruġ ta' liċenzja tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn hija meħtieġa skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja. Il-Korporazzjoni għax-Xogħol u t-Taħriġ għandha tiġi kkonsultata skont il-ħtieġa dwar din il-materja.

(ii) kapaċi jikkommunikaw bil-lingwa Maltija u dik Ingliża;

(iii) fil-pussess ta' kwalifika rikonoxxuta f'Livell 5 tal-MQF b'mill-inqas 120 ECTS/ECVETS jew ekwivalenti f'oqsma relevanti.

Kwalifiki li huma ta' livell ogħla minn dak rikjest hawn fuq jiġu aċċettati għall-fini ta' eliġibbilità, sakemm dawn ikunu fis-suġġetti mitluba.

Dawk il-kandidati li ma jkunux għadhom ġabu l-kwalifiki imsemmija hawn fuq formalment xorta jiġu ikkunsidrati, basta jipprovdu evidenza li ġew appovati għall-għoti tal-kwalifiki imsemmija sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa ghall-applikazzjonijiet.

(iv) ikunu ta' kondotta li tkun xierqa għall-post/pożizzjoni li persuna tapplika għaliha (applikanti li diġà qegħdin jaħdmu fis-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form* (GP 47); filwaqt li dawk li japplikaw minn barra jridu jippreżentaw Ċertifikat riċenti tal-Kondotta maħruġ mill-Pulizija jew awtorità oħra kompetenti mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni, u jindikaw jekk qatt kinux impjegati tal-Gvern qabel u jagħtu d-dettalji).

5.2 Tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-kandidati li, minbarra dak rikjest f'paragrafu 5.1, għandhom esperjenza ta' xogħol relevanti u ppruvata.

terms of the law or the above-mentioned EU legislation and treaty provisions, on account of their family relationship with persons mentioned in paragraph (a), (b) or (c); or

(e) third country nationals who have been granted long-term resident status in Malta under regulation 4 of the "Status of Long-Term Residents (Third Country Nationals) Regulations, 2006" or who have been granted a residence permit under regulation 18(3) thereof, together with family members of such third country nationals who have been granted a residence permit under the "Family Reunification Regulations, 2007".

The advice of the Citizenship and Expatriates Department should be sought as necessary in the interpretation of the above provisions.

The appointment of candidates referred to at (b), (c), (d) and (e) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation. The Employment and Training Corporation should be consulted as necessary on this issue.

(ii) able to communicate in the Maltese and English languages;

(iii) in possession of a recognised qualification at MQF Level 5 with a minimum of 120 ECTS/ECVETS or equivalent in relevant areas.

Qualifications at a level higher than that specified above will be accepted for eligibility purposes, provided they meet any specified subject requirements.

Moreover, candidates who have not yet formally obtained any of the above-mentioned qualifications will still be considered, provided that they submit evidence that they have been approved for the award of the qualifications in question by the closing time and date of the call for applications.

of conduct which is appropriate to the post/position applied for (applicants who are already in the Malta Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP 47); those applying from outside the Service must produce a Certificate of Conduct issued by the Police or other competent authority not earlier than one (1) month from the date of application and state whether they have ever been in Government Service, giving details).

5.2 Due consideration will be given to applicants who, besides the requisites indicated in paragraph 5.1, have proven relevant work experience.

5.3 L-applikanti prospettivi għandhom jaraw id-dispożizzjonijiet ġenerali marbuta ma' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet fejn jikkonċerna s-sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent tal-kwalifiki mingħand l-MQRIC, jew awtorità pertinenti oħra, kif applikabbli (ara l-*link* aktar 'l isfel).

5.4 Din is-sejħa pubblika qed tiġi ppubblikata fl-istess waqt ma' sejħa *service-wide* għall-pożizzjoni ta' *Park Management Support Officer* kif ippubblikata nhar it-Tlieta, 27 ta' Ottubru, 2015 permezz taċ-Ċirkolari MSDEC/HR 28/2015. Applikanti li jgħaddu taħt is-sejħa *service-wide* jingħataw preċedenza fuq dawk li jgħaddu taħt is-sejħa pubblika. Barra minn hekk, persuna tista' tiġi kkunsidrata għall-ħatra biss jekk ikun hemm vakanza fiż-żmien tal-validità tar-riżultat. Iż-żewġ riżultati jibqgħu validi għal sena mid-data tal-pubblikazzjoni tar-riżultat.

Sottomissjoni ta' dokumentazzjoni

6.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti li kopja tagħhom għandha tkun mehmuża mal-applikazzjoni. Kopji *scanned* mibgħuta b'mod elettroniku huma aċċettati.

6.2 Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

Proċeduri tal-għażla

7. L-applikanti eliġibbli jiġu assessjati minn Bord tal-għażla biex jiġi ddeterminat min hu adatt għall-pożizzjoni.

Sottomissjoni tal-applikazzjoni

8. L-applikazzjonijiet flimkien mal-*curriculum vitae* li juru l-kwalifiki u l-esperjenza, jintlaqgħu mid-Direttur għas-Servizzi Korporattivi fil-Ministeru għall-Iżvilupp Sostenibbli, l-Ambjent u t-Tibdil fil-Klima, 6, Triq Ħal Qormi, Santa Venera SVR 1301 sa mhux aktar tard minn nofsinhar (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar il-Ġimgħa, 13 ta' Novembru, 2015. L-applikazzjonijiet jistgħu ukoll jintbagħtu permezz tal-*Online Government Recruitment Portal* fuq (http://recruitment.gov.mt) sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, kif indikat hawn fuq. Aktar dettalji dwar is-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet jinsabu fid-dispożizzjonijiet ġenerali msemmija hawn isfel.

Dispożizzjonijiet ġenerali oħra

Dispożizzjonijiet ġenerali oħra dwar din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, b'referenza partikolari għall-:

kundizzjonijiet applikabbli oħrajn;
bdil raġonevoli għall-persuni rreġistrati b'diżabbiltà;

5.3 Prospective applicants should note the requirement to produce MQRIC recognition statements in respect of their qualifications from MQRIC, or other designated authorities, as applicable, as per provisions applicable to this call for applications (see link below).

5.4 This public call is being published in concurrence with a service-wide call for the position of Park Management Support Officer as published on Tuesday, 27th October, 2015 through MSDEC/HR Circular 28/2015. Applicants who are successful under the service-wide call will be given precendence over those who are successful under the public call. Appointment is moreover subject to the availability of a vacancy within the validity period of the result. Both results remain valid for a period of one year from the date of publication of the result.

Submission of supporting documentation

6.1 Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials, copies of which should be attached to the application. Scanned copies sent electronically are acceptable.

6.2 Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

Selection procedure

7. Eligible applicants will be assessed by a Selection Board to determine their suitability for the position.

Submission of applications

8. Applications, together with a *curriculum vitae* showing qualifications and experience, will be received by Director Corporate Services (Attn: HR Branch) at the Ministry for Sustainable Development, the Environment and Climate Change, 6, Triq Ħal Qormi, Santa Venera SVR 1301 by not later than noon (Central European Time) of Friday, 13th November, 2015. Applications can also be submitted through the Online Government Recruitment Portal on (http://recruitment.gov.mt) by the said closing time and date of this call for applications, as indicated above. Further details concerning the submission of applications are contained in the general provisions referred to below.

Other general provisions

9. Other general provisions concerning this call for applications, with particular reference to:

other applicable conditions;
reasonable accommodation for registered persons with disability;

sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-kwalifiki;
pubblikazzjoni tar-riżultat;
il-proċess sabiex tintbagħat petizzjoni dwar ir-riżultat;

eżami mediku;
aċċess għall-formola tal-applikazzjoni u dettalji relatati;
żamma ta' dokumenti

jinstabu fis-sit elettroniku tad-Direttorat tar-*Resourcing*, Uffiċċju tar-Riżorsi Umani fl-Amministrazzjoni Pubblika fl-indirizz: (https://opm.gov.mt/en/PAHRO/RESOURCING/Documents/Forms%20and%20Templates/Public%20call%20position-%20general%20provisions%20june.pdf) jew jinkisbu mid-Direttorat għas-Servizzi Korporattivi (Attn: Fergħa tar-Riżorsi Umani) fil-Ministeru għall-Iżvilupp Sostenibbli, l-Ambjent u t-Tibdil fil-Klima, 6, Triq Ħal Qormi, Santa Venera SVR 1301. Dawn il-dispożizzjonijiet ġenerali għandhom jitqiesu bħala parti integrali minn din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Għall-fini ta' paragrafu 6.2 tal-Dispożizzjonijiet Ġenerali ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-indirizz tal-*email* tad-Direttorat riċeventi huwa (corporateservices.msdec@gov.mt).

Is-27 ta' Ottubru, 2015

L-UNIVERSITÀ TA' MALTA

Post ta' Uffiċjal ta' Sostenn tar-Riċerka III
Fakultà tal-Inġinerija

Jintlaqgħu applikazzjonijiet għall-post *full-time* ta' Uffiċjal ta' Sostenn tar-Riċerka III biex jaħdem/taħdem fil-Fakultà tal-Inġinerija, l-Università ta' Malta fuq bażi ta' kuntratt definittiv.

L-applikanti jrid ikollhom fil-pussess tagħhom PhD fl-Inġinerija relatata mal-immudellar u ottimizzazzjoni ta' sistemi preferibbilment f'wieħed mill-oqsma ta' studju li ġejjin:

enerġija termali
ġenerazzjoni tal-enerġija li tiġġedded u l-ħażna
sistemi effiċjenti tal-enerġija
bini mingħajr emissjonijiet
inġinerija fis-servizzi tal-bini

Applikanti jrid ikollhom esperjenza fl-immaniġġar ta' proġett u abbiltajiet fl-ipprogrammar. Applikanti jrid ikollhom ukoll abbiltajiet ta' komunikazzjoni avvanzati fil-kelma u fil-kitba tal-Ingliż. Il-post jirrikjedi persuna li hi organizzata u kapaċi taħdem kemm fuq inizjattiva tiegħu jew tagħha u f'tim żgħir.

the submission of recognition statements in respect of qualifications;
the publication of the result;
the process for the submission of petitions concerning the result;
medical examination;
access to application forms and related details;
retention of documents

may be viewed by accessing the website of the Public Administration Human Resources Office at the address: (https://opm.gov.mt/en/PAHRO/RESOURCING/Documents/Forms%20and%20Templates/Public%20call%20position-%20general%20provisions%20june.pdf) or may be obtained from the Corporate Services Directorate (Attn: Human Resources Branch) at the Ministry for Sustainable Development, the Environment and Climate Change, 6, Triq Ħal Qormi, Santa Venera SVR 1301. These general provisions are to be regarded as an integral part of this call for applications.

For the purpose of paragraph 6.2 of the General Provisions of this call for applications, the e-mail address of the receiving Directorate is (corporateservices.msdec@gov.mt).

27th October, 2015

UNIVERSITY OF MALTA

Post/s of Research Support Officer III
Faculty of Engineering

Applications are invited for the post of a full-time Research Support Officer III to work with the Faculty of Engineering, University of Malta on a definite contract basis.

Applicants must be in possession of a PhD in Engineering related to modelling and optimisation of systems preferably in one of the following areas of study:

thermal energy
renewable energy generation and storage
energy efficient systems
zero emission buildings
building services engineering

Applicants must have experience in project management and programming skills. Applicant must also possess advanced communication skills in speaking and writing in English. The position requires a person who is organised and can work both on his or her own initiative and in a small team.

Il-post *full-time* hu għal perjodu ta' tliet snin u għandu salarju ta' €31,200 fis-sena.

Il-kandidati għandhom jibagħtu ittra tal-applikazzjoni, kopja tal-*curriculum vitae* u kopja *scanned* taċ-ċertifikati. L-applikazzjonijiet iridu jintbagħtu permezz ta' *e-mail* lil (projects.hrmd@um.edu.mt), u jintlaqgħu sa mhux aktar tard minn nofsinhar tat-Tnejn, 16 ta' Novembru, 2015.

Applikazzjonijiet li jaslu tard ma jiġux ikkunsidrati.

N.B. Ġentilment indikaw il-Proġett/id-Dipartiment/iċ-Ċentru/l-Istitut li qed tapplikaw fih.

Aktar tagħrif jista' jinkiseb mill-Uffiċċju għat-Tmexxija u l-Iżvilupp tar-Riżorsi Umani, Kamra 215, Uffiċċji Amministrattivi u mill-*website* (http://www.um.edu.mt/hrmd/vacancies).

Is-27 ta' Ottubru, 2015

This full-time post is for a period of 3 years and carries a salary of €31,200 per annum.

Candidates should submit their letter of application, a copy of their curriculum vitae and a scanned copy of their certificates. Applications must be sent by e-mail to (projects.hrmd@um.edu.mt), and should be received by not later than Monday, 16th November, 2015 at noon.

Late applications will not be considered.

N.B. Kindly indicate the Project/Department/Centre/Institute you are applying for.

Further information may be obtained from the Office for the Human Resources Management and Development, Room 215, Administration Building or from the website (http://www.um.edu.mt/hrmd/vacancies).

27th October, 2015

FORZI ARMATI TA' MALTA

Programm ta' Sparar Attiv f'Pembroke Ranges - Novembru 2015

1. Il-Forzi Armati ta' Malta se jwettqu programm ta' sparar attiv minn Pembroke Ranges nhar is-Sibt, is-7 ta' Novembru, 2015 bejn is-7.00 a.m. u l-4.00 p.m. (Ħin Lokali).

2. L-entitajiet kollha huma informati li l-FAM se jattivaw LMD-6 Pembroke low, żona b'raġġ ta' erba' (4) mili nawtiċi b'ċentru fuq il-pożizzjoni 355554N 0142832E li tgħaqqad il-punti li ġejjin 355946N 0142715E - 355829N 0143219E.

3. Il-bastimenti kollha għandhom iżommu erba' (4) mili nawtiċi bogħod mix-xatt ta' Pembroke waqt id-dati u l-ħinijiet imsemmija.

4. Għandhom jittajru bnadar ħomor fil-limiti tar-*ranges* konċernati fid-dati u l-ħinijiet imsemmija.

5. Dawn li ġejjin għandhom jieħdu l-azzjoni meħtieġa skont l-entità rispettiva tagħhom.

a. MATS għandhom jattivaw LMD 06 'Pembroke low'waqt il-ħinijiet imsemmija.

Is-27 ta' Ottubru, 2015

ARMED FORCES OF MALTA

Live Firing Programme - Pembroke Ranges November 2015

1. The Armed Forces of Malta will be holding a live firing practice will be taking place at Pembroke Ranges on Saturday, 7th November, 2015 from 7.00 a.m. till 4.00 p.m. (LT).

2. The attention of all entities concerned is drawn to the fact that the AFM will be activating LMD-6 Pembroke low, an area with 4 NM radius centered on 355554N 0142832E joining the following points 355946N 0142715E - 35 5829N 0143219E.

3. All vessels are to keep four nautical miles (4 NM) off Pembroke coast during the above dates and timings.

4. Red marker flags, indicating that the ranges are in use will be flown on the dates and timings in caption from the limits of the ranges concerned.

5. The following addresses are kindly requested to take the necessary action as per their respective entities.

a. MATS is to activate LMD 06 "Pembroke low" during the above times.

27th October, 2015

MALTA LIBRARIES

Il-Librerija Pubblika Ċentrali

Ngħarrfu għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol approva li minn nhar it-Tlieta, 10 ta' Novembru, 2015 sal-Ġimgħa, 13 ta' Novembru, 2015 il-Librerija Pubblika Ċentrali, Il-Furjana, se tkun magħluqa għall-pubbliku.

Is-27 ta' Ottubru, 2015

DIPARTIMENT TAL-KUNTRATTI

Id-Direttur Ġenerali (Kuntratti) jgħarraf li offerti elettroniċi rigward dan l-avviż se jintlaqgħu sal-ġurnata u l-ħin indikati hawn taħt. L-offerti għandhom jintbagħtu *online* BISS fuq (http://www.etenders.gov.mt).

Sad-9.30 a.m. tal-ĦAMIS, l-10 ta' Diċembru, 2015, għal:

CT 2188/2015. Provvista ta' *diagnostic markers* għal *Immunophenotyping* b'tagħmir b'self – CPSU.

Is-27 ta' Ottubru, 2015

AVVIŻI TAD-DIPARTIMENT TAL-KUNTRATTI

CT 2177/2014. Tneħħija u riċiklaġġ/rimi ta' *by-product* iġġenerat mit-tagħmir tal-*flue gas desulphurisation* mill-Power Station ta' Delimara – Enemalta plc.

Id-Direttur Ġenerali (Kuntratti) jgħarraf għall-informazzjoni ta' kulħadd illi d-data u l-ħin biex jintbagħtu l-offerti għall-avviżi imsemmija qed tiġi estiża sad-9.30 a.m. tat-TLIETA, it-3 ta' Novembru, 2015.

Is-27 ta' Ottubru, 2015

DIPARTIMENT TAL-ARTIJIET

Il-Kummissarju tal-Artijiet jgħarraf li:

Offerti magħluqin għall-avviżi li ġejjin għandhom jintefgħu fil-Kaxxa tal-Offerti tad-Dipartiment tal-Artijiet, Berġa tal-Baviera, Il-Belt Valletta, sal-10.00 a.m. tal-Ħamis, 29 ta' Ottubru, 2015.

Avviż Nru. 121. Bejgħ ta' sit fi Triq L-Iżbark tal-Franċiżi kantuniera ma' Triq in-Nases, Il-Mellieħa, muri bl-aħmar u mmarkat Site 2 fuq pjanta P.D.2010_800_2. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'*bid-bond* għall-ammont ta' €25,000 skont kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' żewġ miljuni, ħames mija u tmienja u għoxrin elf ewro (€2,528,000) ma jiġux ikkunsidrati.

MALTA LIBRARIES

Central Public Library

It is notified for general information that the Ministry for Education and Employment has approved that from Tuesday, 10th November, 2015 till Friday, 13th November, 2015 the Central Public Library, Floriana, will be closed to the public.

27th October, 2015

DEPARTMENT OF CONTRACTS

The Director General (Contracts) notifies that electronic tenders in respect of the following notice will be received on the day and time indicated below. Tenders are to be submitted online ONLY on (http://www.etenders.gov.mt).

Up to 9.30 a.m. of THURSDAY, 10th December, 2015 for:

CT 2188/2015. Supply of diagnostic markers for Immunophenotyping with Equipment on Loan – CPSU.

27th October, 2015

DEPARTMENT OF CONTRACTS NOTICES

CT 2177/2014. Removal and recycling/disposal of by-product generated by flue gas desulphurisation equipment from Delimara Power Station – Enemalta plc.

The Director General (Contracts) notifies for general information that the date and time for the presentation of offers for the above mentioned adverts is being extended up to 9.30 a.m. of TUESDAY, 3rd November, 2015.

27th October, 2015

LAND DEPARTMENT

The Commissioner of Land notifies that:

Sealed tenders in respect of the following advertisements have to be dropped in the Tender Box at the Land Department, Auberge de Baviere, Valletta by 10.00 a.m. of Thursday, 29th October, 2015.

Advt. No. 121. Sale of a site in Triq L-Iżbark tal-Franċiżi corner with Triq in-Nases, Mellieħa, shown edged in red and marked Site 2 on plan P.D.2010_800_2. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of €25,000 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of two million, five hundred and twenty eight thousand Euro (€2,528,000) will not be considered.

Irid jitħallas dritt ta' €200 għal kull kopja tad-dokument tal-offerta.

Avviż Nru. 122. Bejgħ ta' sit fi Triq il-Fortizza kantuniera ma' Triq in-Nases, Il-Mellieħa, muri bl-aħmar u mmarkat Site 1 fuq pjanta P.D.2010_800_2. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'*bid-bond* għall-ammont ta' €25,000 skont kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' żewġ miljuni, erba' mija u tnejn u sebgħin elf ewro (€2,472,000) ma jiġux ikkunsidrati.

A fee of €200 will be charged for each copy of tender document.

Advt. No. 122. Sale of a site in Triq il-Fortizza corner with Triq in-Nases, Mellieħa, shown edged in red and marked Site 1 on plan P.D.2010_800_2. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of €25,000 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of two million, four hundred and seventy two thousand Euro (€2,472,000) will not be considered.

Irid jitħallas dritt ta' €200 għal kull kopja tad-dokument tal-offerta.

A fee of €200 will be charged for each copy of tender document.

Avviż Nru. 123. Bejgħ ta' sit fi Triq il-Karmelitani, Il-Fgura, muri bl-aħmar fuq pjanta P.D.2015_0112. Dan is-sit hu soġġett għal servitujiet eżistenti a favur tal-proprjetà adjaċenti li hija ta' terzi. Din l-offerta hija soġġetta għad-dritt tal-ewwel rifjut. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'*bid-bond* għall-ammont ta' €2,000 skont kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta.

Advt. No. 123. Sale of a site in Triq il-Karmelitani, Fgura, shown edged in red on plan P.D.2015_0112. This site is subject to existing servitudes in favour of adjacent third party property. This tender is subject to a right of first refusal. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of €2,000 as stipulated in the tender conditions.

Irid jitħallas dritt ta' €50 għal kull kopja tad-dokument tal-offerta.

A fee of €50 will be charged for each copy of tender document.

Avviż Nru. 124. Bejgħ ta' sit fi Triq l-Iskola Teknika, Birkirkara, muri bl-aħmar fuq pjanta P.D.2012_929. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'*bid-bond* għall-ammont ta' €5,000 skont kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' ħamsa u ħamsin elf ewro (€55,000) ma jiġux ikkunsidrati.

Advt. No. 124. Sale of a site in Triq l-Iskola Teknika, Birkirkara, shown edged in red on plan P.D.2012_929. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of €5,000 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of fifty five thousand Euro (€55,000) will not be considered.

Irid jitħallas dritt ta' €50 għal kull kopja tad-dokument tal-offerta.

A fee of €50 will be charged for each copy of tender document.

Avviż Nru. 125. Bejgħ ta' partijiet mill-Kantina, li tiġi taħt il-Fondi Nri. 42 sa 46 Triq id-Dejqa, Il-Belt Valletta, kif murija bl-aħmar u mmarkati A u B fuq pjanta P.D.101_2003_1. Dil-kantina hija aċċessibbli biss mill-Fond Nru. 44 Triq id-Dejqa, Il-Belt Valletta, li huwa proprjetà ta' terzi. Din l-offerta hija soġġetta għad-dritt tal-ewwel rifjut. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'*bid-bond* għall-ammont ta' €10,000 skont kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta.

Advt. No. 125. Sale of parts of a Basement, underlying Premises Nos. 42 to 46 Triq id-Dejqa, Valletta, as shown A and B and edged in red on plan P.D.101_2003_1. This basement is accessible only from Premises No. 44 Triq id-Dejqa, Valletta, which is third party property. This tender is subject to a right of first refusal. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of €10,000 as stipulated in the tender conditions.

Irid jitħallas dritt ta' €50 għal kull kopja tad-dokument tal-offerta.

A fee of €50 will be charged for each copy of tender document.

Avviż Nru. 126. Kiri, għal mhux anqas minn seba' (7) snin, tal-Fond vojt Nru. 22 Triq il-Mediterran, Il-Belt Valletta, muri bl-aħmar fuq pjanta P.D. 2006_595_A. Din l-offerta hija soġġetta għad-dritt tal-ewwel rifjut.

Advt. No. 126. Lease, for not less than seven (7) years, of the bare Premises No. 22 Triq il-Mediterran, Valletta, shown edged in red on plan P.D.2006_595_A. This tender is subject to a right of first refusal.

Irid jitħallas dritt ta' €50 għal kull kopja tad-dokument tal-offerta.

A fee of €50 will be charged for each copy of tender document.

Offerti magħluqin għall-avviżi li ġejjin għandhom jintefgħu fil-Kaxxa tal-Offerti tad-Dipartiment tal-Artijiet, Berġa tal-Baviera, Il-Belt Valletta, sal-10.00 a.m. tal-Ħamis, 12 ta' Novembru, 2015.

Avviż Nru. 127. Bejgħ ta' sit fi Triq il-Konz, San Pawl il-Baħar, muri bl-aħmar u mmarkat Nru. 10 fuq pjanta P.D.2006_5_1. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'*bid-bond* għall-ammont ta' €7,000 skont kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' seba' mitt elf ewro (€700,000) ma jiġux ikkunsidrati.

Irid jitħallas dritt ta' €100 għal kull kopja tad-dokument tal-offerta.

Avviż Nru. 128. Bejgħ ta' sit fi Triq il-Konz kantuniera ma' Triq l-Imrejkba, San Pawl il-Baħar, muri bl-aħmar u mmarkat Nru. 11 fuq pjanta P.D.2006_5_1. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'*bid-bond* għall-ammont ta' €7,000 skont kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' seba' mitt elf ewro (€700,000) ma jiġux ikkunsidrati.

Irid jitħallas dritt ta' €100 għal kull kopja tad-dokument tal-offerta.

Avviż Nru. 129. Bejgħ ta' sit fi Triq l-Imrejkba, San Pawl il-Baħar, muri bl-aħmar u mmarkat Nru. 12 fuq pjanta P.D.2006_5_1. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'*bid-bond* għall-ammont ta' €4,000 skont kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' erba' mija u erbgħin elf ewro (€440,000) ma jiġux ikkunsidrati.

Irid jitħallas dritt ta' €100 għal kull kopja tad-dokument tal-offerta.

Avviż Nru. 130. Bejgħ tad-Dirett Dominju Temporanju u ċ-ċens relattiv ta' mija tnejn u disgħin Ewro u tmienja u erbgħin ċenteżmu (€192.48) fis-sena, għaż-żmien li fadal mill-perjodu li jintemm fis-17 ta' Ġunju, 2130, regolat skont kuntratt fl-atti tan-Nutar Joseph Spiteri tat-18 ta' Ġunju, 1980, u s-sussegwenti assoluta proprjetà wara li jintemm l-imsemmi ċens temporanju, tas-sit fi Triq Ġorġ Borg Olivier, Ir-Rabat, Għawdex, kif muri bl-aħmar fuq pjanta P.D.2013_474. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'*bid-bond* għall-ammont ta' €25,000 skont kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Din l-offerta hija soġġetta għad-dritt tal-ewwel rifjut.

Irid jitħallas dritt ta' €50 għal kull kopja tad-dokument tal-offerta.

Avviż Nru. 131. Kiri ta' sit f'Ħabel Żwejra, fil-limiti tan-Naxxar, muri bl-aħmar u mmarkat A fuq pjanta P.D.160_87_A. Dan is-sit jintuża biss għaż-żamma u t-trobbija taż-żwiemel. Din l-offerta hija soġġetta għad-dritt tal-ewwel rifjut.

Sealed tenders in respect of the following advertisements have to be dropped in the Tender Box at the Land Department, Auberge de Baviere, Valletta, by 10.00 a.m. of Thursday, 12th November, 2015.

Advt. No. 127. Sale of a site at Triq il-Konz, San Pawl il-Baħar, shown edged in red and marked No. 10 on plan P.D.2006_5_1. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of €7,000 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of seven hundred thousand Euro (€700,000) will not be considered.

A fee of €100 will be charged for each copy of tender document.

Advt. No. 128. Sale of a site at Triq il-Konz corner with Triq l-Imrejkba, San Pawl il-Baħar, shown edged in red and marked No. 11 on plan P.D.2006_5_1. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of €7,000 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of seven hundred thousand Euro (€700,000) will not be considered.

A fee of €100 will be charged for each copy of tender document.

Advt. No. 129. Sale of a site at Triq l-Imrejkba, San Pawl il-Baħar, shown edged in red and marked No. 12 on plan P.D.2006_5_1. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of €4,000 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of four hundred and forty thousand Euro (€440,000) will not be considered.

A fee of €100 will be charged for each copy of tender document.

Advt. No. 130. Sale of the Temporary Directum Dominium and relative groundrent of one hundred and ninety two Euro and forty eight cents (€192.48) per annum, for the remaining period which expires on the 17th June, 2130 as per deed in the acts of Notary Joseph Spiteri dated 18th June, 1980, and the absolute ownership after the expiration of the said temporary emphyteusis, of the site in Triq Ġorġ Borg Olivier, Rabat, Gozo, as shown edged in red on plan P.D.2013_474. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of €25,000 as stipulated in the tender conditions. This tender is subject to a right of first refusal.

A fee of €50 will be charged for each copy of tender document.

Advt. No. 131. Lease of the site at Ħabel Żwejra, limits of Naxxar, shown edged in red and marked A on plan P.D.160_87_A. This site is to be used for the keeping and rearing of horses only. This tender is subject to a right of first refusal.

Irid jitħallas dritt ta' €50 għal kull kopja tad-dokument tal-offerta.

Avviż Nru. 132. Kiri, minn sena għal sena, għal skop ta' agrikoltura, ta' sit fi Triq il-Buskett, Ir-Rabat, Malta, muri bl-aħmar fuq pjanta P.D.2010_589_A. Offerti anqas mill-ammont ta' tlett elef u mitejn ewro (€3,200) fis-sena ma jiġux ikkunsidrati.

Irid jitħallas dritt ta' €10 għal kull kopja tad-dokument tal-offerta.

Avviż Nru. 133. Kiri tal-Garaxx Nru. 7 Triq il-Wegħdiet, Birkirkara, muri bl-aħmar fuq pjanta P.D. 72_87_1_1. Offerti anqas mill-ammont ta' seba' mija u erbgħin ewro (€740) fis-sena ma jiġux ikkunsidrati.

Irid jitħallas dritt ta' €10 għal kull kopja tad-dokument tal-offerta.

L-offerti għandhom isiru biss fuq il-formola preskritta, li flimkien mal-kundizzjonijiet relevanti u dokumenti oħra jistgħu jinkisbu mid-Dipartiment tal-Artijiet, Berġa tal-Baviera, Il-Belt Valletta, f'kull ġurnata tax-xogħol bejn it-8.30 a.m. u 11.45 a.m.

Is-27 ta' Ottubru, 2015

A fee of €50 will be charged for each copy of tender document.

Advt. No. 132. Lease, on a year to year basis, for agricultural purposes, of a site in Triq il-Buskett, Rabat, Malta, shown edged in red on plan P.D.2010_589_A. Offers below the amount of three thousand two hundred Euro (€3,200) per annum will not be considered.

A fee of €10 will be charged for each copy of tender document.

Advt. No. 133. Lease of Garage No. 7 Triq il-Wegħdiet, Birkirkara, shown edged in red on plan P.D.72_87_1_1. Offers below the amount of seven hundred and forty Euro (€740) per annum will not be considered.

A fee of €10 will be charged for each copy of tender document.

Tenders should be made only on the prescribed form which, together with the relevant conditions and other documents are obtainable from the Land Department, Auberge de Baviere, Valletta on any working day between 8.30 a.m. and 11.45 a.m.

27th October, 2015

MINISTERU GĦAT-TRASPORT U INFRASTRUTTURA

Id-Direttur Ġenerali, Dipartiment tax-Xogħlijiet u Infrastruttura, jgħarraf illi:

Sal-10.00 a.m. tal-Ġimgħa, it-13 ta' Novembru, 2015, fid-Direttorat tal-*Procurement* u l-Provvisti, Dipartiment tas-*Support* u Servizzi, Il-Furjana, jintlaqgħu kwotazzjonijiet magħluqin għal:

Kwot. Nru. 41/2015. Kuntratt perjodiku għall-provvista ta' ċilindri ta' ossiġenu bbottiljat, aċitelina u diossidju tal-karbonju għad-Direttorat tal-Manifattura u Servizzi lid-Dipartiment tax-Xogħlijiet u Infrastruttura 2015/2016.

Parteċipazzjoni hija mingħajr ħlas

Id-dokumenti relevanti jinkisbu wara li jsir il-ħlas indikat hawn fuq jekk ikun il-każ, mill-*Cash Office*, Dipartiment tas-*Support* u Servizzi, Blokk 'A', Il-Furjana, fil-ġranet tax-xogħol bejn it-8.00 a.m. u nofsinhar. Aktar informazzjoni tista' tinkiseb mit-Taqsima tal-Kuntratti u l-*Procurement* tal-Ministeru għat-Trasport u Infrastruttura.

L-offerti/kwotazzjonijiet għandhom jintbagħtu f'dawn il-ħinijiet:

MINISTRY FOR TRANSPORT AND INFRASTRUCTURE

The Director General, Works and Infrastructure Department, notifies that:

Sealed quotations will be received at the Procurement and Supplies Directorate, Support and Services Department, Floriana up to 10.00 a.m. of Friday, 13th November, 2015, for:

Quot. No. 41/2015. Period contract for the supply of bottled oxygen, acetylene and carbon dioxide cylinders to the Manufacturing and Services Directorate of the Works and Infrastructure Department 2015/2016.

Participation is free of charge

Relevant documents may be obtained, against payment of the indicated fee or otherwise, from the Cash Office, Support and Services Department, Block 'A', Floriana, on any working day between 8.00 a.m. and noon. Any further information may be obtained from the Contracts and Procurement Section of the Ministry for Transport and Infrastructure.

Submission of tenders/quotations:

Ħinijiet tas-Sajf: mit-8.00 a.m. sa nofsinhar.

Ħinijiet tax-Xitwa mit-8.00 a.m. sat-3.30 p.m.

Wieħed jista' jara kampjun tad-dokument tal-offerta/kwotazzjoni fil- *website* tal-Ministeru: (http://www.mti.gov.mt).

Is-27 ta' Ottubru, 2015

MINISTERU GĦAT-TRASPORT U INFRASTRUTTURA

Id-Direttur Ġenerali, Dipartiment tax-Xogħlijiet u Infrastruttura, jgħarraf li offerti elettroniċi rigward dan l-avviż se jintlaqgħu sal-ġurnata u l-ħin indikati hawn taħt. L-offerti għandhom jintbagħtu online BISS fuq (http://www.etenders.gov.mt).

Sad-9.30 a.m. tat-TLIETA, l-10 ta' Novembru, 2015, għal:

Avviż Nru. WID/T/36/2015. Manifattura u installazzjoni ta' poġġaman tal-azzar għall-ġibjun tal-Għira b'konnessjoni mal-Proġett Nazzjonali għall-Protezzjoni mill-Għargħar.

Is-27 ta' Ottubru, 2015

MINISTERU GĦALL-IŻVILUPP SOSTENIBBLI, L-AMBJENT U TIBDIL FIL-KLIMA

Id-Dipartiment tal-Biċċerija jgħarraf illi:

Sal-10.00 a.m. tal-Ġimgħa, it-30 ta' Ottubru, 2015, jintlaqgħu offerti magħluqin fl-MSDEC, Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti fid-Direttorat tal-*Procurement* u Provvisti, 6, Triq Ħal Qormi, Sta Venera SVR 1301 għal:

Avviż. Nru. MSDEC 124/2015. Provvista u konsenja ta' *printing food grade labels* għas-sistema tat-traċċabiltà tal-laħam fil-Biċċerija, Il-Marsa.

By means of a decree given on the 5th October 2015, by the Court of Appeal (Inferior Jurisdiction) in the records of the Appeal Application, in the names Doris Zammit (ID 259156M) vs Director Social Security, Application 8/2013, Decision of the Arbitrator 236/13, the following publication was ordered for the purpose of service of the respondent Doris Zammit in terms of Article 187(3) et. seq. of Cap. 12.

By means of an Appeal Application filed in the Court of Appeal (Inferior Jurisdiction) Decision of the Arbitrator 236/13, Doris Zammit (ID 259156M) vs Director Social Security, on the 14th May 2013, the applicant Director of Social Security respectfully pleaded:

1. That this application is an Appeal from a decision delivered by the Arbitrator, on the 10th April 2013, in the names premised (Doc. A).

2. Illi l-imsemmija deċiżjoni ġiet pronunzjata wara li fis-26 ta' Jannar 2011 Dok. 'B' l-istess arbitru ta' deċiżjoni fl-ismijiet premessi fuq l-istess mertu liema deċiżjoni ġiet revokata u mħassra permezz ta' sentenza mogħtija fl-20 ta' Ottubru 2011 mill-Onorabbli Qorti tal-Appell, diversament presjeduta u ...omissis... rrimandat l-atti lura lill-Arbitru sabiex fid-dawl tal-premess jgħaddi għad-deċiżjoni tiegħu motivata skont il-liġi.

3. Illi in vista ta' din is-sentenza, l-Arbitru għadda biex ippronunzja d-deċiżjoni fl-10 ta' April 2013, li permezz tagħha l-Arbitru reġa' laqa' t-talbiet tal-attriċi.

4. Illi d-Direttur esponenti ħassu aggravat minn din id-deċiżjoni u għaldaqstant qiegħed preżenzjalment jinterponi minnha dan l-umli appell.

5. Illi l-motiv tal-aggravju huwa ċar u manifest u jikkonsisti fil-fatt illi l-Arbitru reġa għadda biex jilqa' l-appell mingħajr motivazzjoni adegwata billi kkonkluda li l-verżjoni mogħtija mill-appellanti hija verosimili mingħajr ma ta r-raġunijiet li fuqhom ibbaża tali konklużjoni ai termini tal-Artikolu 218 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

6. Illi proprju fuq din it-tematika l-Onorabbli Qorti tal-Appell Inferjuri, fis-sentenza Ronnie Gauci vs Direttur tas-Sigurtà Soċjali, deċiża fis-6 ta' Ottubru 2010, kienet affermat li huwa 'prinċipju bażilari li l-litigant għandu jingħata raġuni għaliex il-mertu kien qed jiġi deċiż kif fil-fatt ġie deċiż'.

7. Illi tali nuqqas ta' motivazzjoni tagħmilha ferm diffiċili li wieħed jindividwa l-mod kif ġew utilizzati u vvalutati l-provi mill-istess Arbitru biex seta wasal għar-ratio decidendi tiegħu.

8. Illi difatti, in rassenja legali ġie kemm-il darba ravviżat li għalkemm l-apprezzament u l-valutazzjoni tal-provi huwa rimess lill-poter diskrezzjonali tal-Arbitru ...omissis... dik l-istess valutazzjoni għandha tkun 'loġika u koerenti mal-elementi utilizzati u hi sostenuta minn motivazzjoni kongruwa li turi l-kriterju loġiku segwit'.

9. Illi l-fatt li l-parti deċiżorja tas-sentenza ma hijiex ibbażata fuq motivazzjoni raġonata li l-fattispecie kienu hekk jikkontemplaw u jesiġu ma jistax ħlief ifisser illi tali konklużjoni ma hi xejn idonea u għandu jinduċi lill-Qorti biex tannulla l-istess sentenza.

10. Illi mingħajr preġudizzju għal dak fuq espost li kieku wieħed kellu jidħol fil-mertu tal-każ in eżami, jirriżulta li l-arbitru fid-deċiżjoni tiegħu ma apprezzax il-fatti kif ippreżentati fir-Rapport Investigattiv tad-Dipartiment ta' Frodi ta' Benefiċċju.

2. That the said decision was delivered after the same Arbitrator on the 26th January 2011, Doc. 'B' gave a decision, in the names premised on the same merit which decision was revoked and cancelled by means of a judgement given on the 20th October 2011, by the Honourable Court of Appeal, differently presided and ...omissis... sent back the records to the Arbitrator so that in the light of the premised he passes on to his decision motivated according to law.

3. That in view of this judgement the Arbitrator passed on to deliver the decision on the 10th April 2013, in virtue of which the Arbitrator upheld again the plaintiff's requests.

4. That the interpellant Director felt aggrieved from this decision and is thus presently filing this humble appeal therefrom.

5. That the motive of the grievance is clear and manifest and consists in the fact that the Arbitrator passed again to uphold the appeal without adequate motivation by concluding that the version given by the appellants is more plausible without giving the reasons on which he based such conclusion in terms of Article 218 of Cap. 12 of the Laws of Malta.

6. That specifically on this subject the Honourable Court of Appeal, Inferior Jurisdiction, in the judgement Ronnie Gauci vs Director Social Security, decided on the 6th October 2010, it was affirmed that it is a 'basic principle that the litigant should be given the reason why the merit was being decided as in fact it was decided'.

7. That such lack of motivation makes it very difficult that one discovers the mode how the proof was utilised and evaluated by the same Arbitrator, so that he could reach his rato decidendi.

8. That infact in caselaw it was affirmed on various occasions that altough the appreciation and evaluation of the proof is left in the discretionary power of the Arbitrator, ...omissis... that same evaluation should be 'logical and coherent with the elements utilised and should be supported by a congruent motivation which shows the logical criterion followed'.

9. That the fact that the decisive part of the judgement is not based on a reasoned motivation which the facts so contemplated and required cannot but mean that such a conclusion is not suitable and should induce the Court to annul the same judgement.

10. That without prejudice to that above exposed, if one had to enter into the merit of the case in examination, it results that the arbitrator in his decision did not appreciate the facts as presented in the Investigative Report of the Benefit and Fraud Department.

11. .....omissis.....

12. .....omissis.....

13. Illi meta dan ir-riljev jitqiegħed flimkien ma' rilevanzi oħra prinċipalment l-ammissjoni tal-appellata stess li magħha kien jgħix is-sieħeb tagħha, b'mod regolari u permanenti għal din l-aħħar sena, ma jistax ma jirċevix dik l-attendibilità korroborattiva li jixraqlu fil-fattispeċi komplessivi tal-każ.

14. Illi għal dawn il-motivi l-Arbitru ma mexiex rite u recte fit-tfassil tad-deċiżjoni tiegħu u allura ma kinux jeżistu raġunijiet validi biex l-Arbitru jissostitwixxi d-diskrezzjoni tad-Direttur b'dik tiegħu favorevoli għall-appellata.

Għaldaqstant fid-dawl tas-suespost l-esponent filwaqt illi jirreferi għall-atti tal-każ u jirriżerva illi jagħmel l-osservazzjonijiet li jidhrulu xierqa, jitlob lil din l-Onorabbli Qorti, tilqa' dan l-Appell u tirriforma u tvarja d-deċiżjoni tal-Arbitru fl-ismijiet Doris Zammit vs Direttur tas-Sigurtà Soċjali, deċiżjoni 236/2013, deċiża fl-10 ta' April 2013, billi tikkonferma d-deċiżjoni inizjali tad-Direttur appellant, mogħtija fis-27 ta' Ottubru 2009, bl-ispejjeż kontra l-appellata.

Billi ngħalqu l-proċeduri bil-miktub fil-kawża quddiem il-Qorti tal-Appell bejn Doris Zammit vs Direttur tas-Sigurtà Soċjali, il-Qorti ffissat is-smigħ tal-kawża għall-Ħamis it-tieni (2) ta' Ottubru 2014, fid-9.00 a.m. u differita għat-13 ta' Mejju 2015, fid-9.00 a.m. u differita għat-13 ta' Jannar 2016, fl-10.00 a.m.

Notifika: Doris Zammit, 11, Block E, Triq il-Ġilju, Żabbar.

Reġistru tal-Qrati Superjuri (Appelli) illum 21 ta' Ottubru 2015.

AVV. FRANK PORTELLI, LLD
Għar-Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali

11. .....omissis.....

12. .....omissis.....

13. That when this observation is put together with other relevant factors principally the admission of the respondent herself that her partner lived with her in a regular and permanent manner for this last year cannot but receive the corroborative reliability which it merits in the complex circumstances of the case.

14. That for these motives the Arbitrator did not proceed rite and recte in the reaching of his decision and thus there did not exist valid reasons so that the Arbitrator substitutes his discretion for that of the Director in favour of the respondent.

Thus in the light of the above the interpellant, whilst referring to the acts of the case and reserving to make all the observations he deems fit, prays this Honourable Court to uphold this Appeal and reform and vary the decision of the Arbitrator in the names Doris Zammit vs Director of Social Security, decision 236/2013, decided on the 10th April 2013, by confirming the initial decision of the Director appellant, given on the 27th October 2009, with costs against the respondent.

Whereas the written procedures in the cause before the Court of Appeal, between Doris Zammit vs Director Social Security, have been closed, the Court fixed the hearing of this cause on Thursday the second (2nd) of October 2014, at 9.00 a.m. and deferred to the 13th May 2015 at 9.00 a.m. and deferred to the 13th January 2016, at 10.00 a.m.

Notify: Doris Zammit, 11, Block E, Triq il-Ġilju, Żabbar.

Registry of the Superior Courts (Appeals) today 22nd October 2015.

AVV. FRANK PORTELLI, LLD
For the Registrar Civil Courts and Tribunals

1719

B'digriet fis-16 ta' Settembru 2015 mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), dina l-Qorti ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt biex iservi ta' notifika skont l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi tal-Proċedura u Organizzazzjoni Ċivili (Kap. 12).

Illi b'rikors ippreżentat minn Mobisle Communications Ltd (C 24655) fis-16 ta' Lulju 2015 qed jintalab l-iżbank fl-ammont ta' €973.00 ġew depożitati b'ċedola numru 988/15 fl-ismijiet:

By a decree of the 16th September 2015 given by the Court of the Magistrates, the Court ordered that the extract hereunder mentioned be published for the purpose of service according to Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

That by the application filed by Mobisle Communications Ltd (C 24655) on the 16th July 2015 is asking for the withdrawal of the amount of €973.00 deposited by the Schedule of Deposit number 988/15 in the names of:

Mobisle Communications Ltd (C 24655) vs Maria Schembri (KI 566392M).

Il-Qorti ordnat notifika tar-rikors b'ġimgħa żmien għarrisposta.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), illum 22 ta' Ottubru 2015.

RUDOLPH MARMARÀ
Għar-Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali

Mobisle Communications Ltd (C 24655) vs Maria Schembri (ID 566392M).

The Court ordered the notification of this application with a week to file a reply.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta), today the 22nd October 2015.

RUDOLPH MARMARÀ
For the Registrar of Courts and Civil Tribunals

1720

B'digriet fis-16 ta' Settembru 2015 mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), dina l-Qorti ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt biex iservi ta' notifika skont l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi tal-Proċedura u Organizzazzjoni Ċivili (Kap. 12).

Illi b'rikors ippreżentat minn Mobisle Communiations Ltd (C 24655) fis-16 ta' Lulju 2015 qed jintalab l-iżbank fl-ammont ta' €1,189.70 ġew depożitati b'ċedola numru 2372/14 fl-ismijiet:

Mobisle Communications Ltd (C 24655) vs Carmelo Micallef (KI 248802L).

Il-Qorti ordnat notifika tar-rikors b'ġimgħa żmien għarrisposta.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) illum 22 ta' Ottubru 2015.

RUDOLPH MARMARÀ
Għar-Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali

By a decree of the 16th September 2015 given by the Court of the Magistrates, the Court ordered that the extract hereunder mentioned be published for the purpose of service according to Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

That by the application filed by Mobisle Communications Ltd (C 24655) on the 16th July 2015 is asking for the withdrawal of the amount of €1,189.70 deposited by the Schedule of Deposit number 2372/14 in the names of:

Mobisle Communications Ltd (C 24655) vs Carmelo Micallef (ID 248802L).

The Court ordered the notification of this application with a week to file a reply.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta), today the 22nd October 2015

RUDOLPH MARMARÀ
For the Registrar of Courts and Civil Tribunals

1721

B'digriet fis-16 ta' Settembru 2015 mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), dina l-Qorti ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt biex iservi ta' notifika skont l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi tal-Proċedura u Organizzazzjoni Ċivili (Kap. 12).

Illi b'rikors ippreżentat minn Go plc (C 22334) fit-23 ta' Lulju 2015 qed jintalab l-iżbank fl-ammont ta' €423.00 ġew depożitati b'ċedola numru 1144/15 fl-ismijiet:

Go plc (C 22334) vs Milea Cosel Florin (KI 48052A).

Il-Qorti ordnat notifika tar-rikors b'ġimgħa żmien għarrisposta.

By a decree of the 16th September 2015 given by the Court of the Magistrates, the Court ordered that the extract hereunder mentioned be published for the purpose of service according to Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

That by the application filed by Go plc (C 22334) on the 23rd July 2015 is asking for the withdrawal of the amount of €423.00 deposited by the Schedule of Deposit number 1144/15 in the names of:

Go plc (C 22334) vs Milea Costel Florin (ID 48052A).

The Court ordered the notification of this application with a week to file a reply.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), illum 22 ta' Ottubru 2015.

RUDOLPH MARMARÀ
Għar-Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali

Registry of the Courts of Magistrates (Malta), today the 22nd October 2015.

RUDOLPH MARMARÀ
For the Registrar of Courts and Civil Tribunals

1722

B'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tat-8 ta' Settembru 2015, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skont l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Mobisle Communications Limited (C 24655) ta' Triq Fra Diego, Marsa, MRS 1501, ippreżentaw Talba, fil-21 ta' Lulju 2015, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Christian Calleja (KI 24794M) ta' 440, Triq Fleur de Lys, Birkirkara, sabiex iħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' €299.77 liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali.

Il-kawża (Avviż Numru 596/15VG2) hija differita għall-4 ta' Novembru 2015 fis-1.00 p.m.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) illum 23 ta' Ottubru 2015.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali

By a decree of the Small Claims Tribunal of 8th September 2015, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Mobisle Communications Limited (C 24655) of Triq Fra Diego, Marsa, MRS 1501, filed a Claim, on the 21st July 2015 whereby they asked the Tribunal to condemn Christian Calleja (ID 24794M) of 440, Triq Fleur de Lys, Birkirkara, to pay the plaintiff company the sum of €299.77 which amount is due to the plaintiff company.

With costs and legal interests.

The case (Claim Number 596/15VG2) is deferred on the 4th November 2015 at 1.00 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 23rd October 2015.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar Civil Courts and Tribunals

1723

B'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tat-8 ta' Settembru 2015, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skont l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Mobisle Communications Limited (C 24655) ta' Triq Fra Diego, Marsa, MRS 1501, ippreżentaw Talba, fis-16 ta' Lulju 2015, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Joseph Carabott (KI 343050M) ta' Ta' Żaren Farmhouse, Triq il-Belt Valletta, Ħal Għaxaq, sabiex iħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' €1,617.48 liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali.

Il-kawża (Avviż Numru 581/15VG2) hija differita għall-4 ta' Novembru 2015 fis-1.00 p.m.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) illum 23 ta' Ottubru 2015.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali

By a decree of the Small Claims Tribunal of 8th September 2015, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Mobisle Communications Limited (C 24655) of Triq Fra Diego, Marsa, MRS 1501, filed a Claim, on the 16th July 2015 whereby they asked the Tribunal to condemn Joseph Carabott (ID 343050M) of Ta' Żaren Farmhouse, Triq il-Belt Valletta, Ħal Għaxaq, to pay the plaintiff company the sum of €1,617.48 which amount is due to the plaintiff company.

With costs and legal interests.

The case (Claim Number 581/15VG2) is deferred on the 4th November 2015 at 1.00 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 23rd October 2015.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar Civil Courts and Tribunals

1724

B'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar tat-3 ta' Lulju 2015, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skont l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Mobisle Communications Limited (C 24655) ta' Triq Fra Diego, Marsa, MRS 1501, ippreżentaw Talba fit-23 ta' Ġunju 2015, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Fallborg Ernst Christopher (KI 79295A) ta' 14, Corissa, Flat 2, Triq F. Vidal, is-Swieqi, sabiex iħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' €2,122.60 liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali.

Il-kawża (Avviż Numru 508/15VG2) hija differita għall-4 ta' Novembru, 2015 fis-1.00 p.m.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) illum 23 ta' Ottubru 2015.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali

By a decree of the Small Claims Tribunal of 3rd July 2015, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Mobisle Communications Limited (C 24655) of Triq Fra Diego, Marsa, MRS 1501, filed a Claim, on the 23rd June 2015 whereby they asked the Tribunal to condemn Fallborg Ernst Christopher (ID 79295A) of 14, Corissa, Flat 2, Triq F. Vidal, Swieqi, to pay the plaintiff company the sum of €2,122.60 which amount is due to the plaintiff company.

With costs and legal interests.

The case (Claim Number 508/15VG2) is deferred on the 4th November 2015 at 1.00 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 23rd October, 2015.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar Civil Courts and Tribunals

1725

AVVIŻ
MIR-REĠISTRU
TAL-PRIM' AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

Billi Wisam H Alsalhen Hamad (Passp. Libjan Nru) ippreżenta rikors ġuramentat (Nru. 1003/2015/LSO) fejn ġie mitlub il-KORREZZJONI FL-ATT TAT-TWELID numru 2088/1979 fir-Reġistru Pubbliku.

Kull min jidhirlu li għandu interess u jrid jopponi dik it-talba, b'dan l-avviż huwa msejjaħ sabiex ifisser il-fehma tiegħu b'nota li għandha tiġi ppreżentata fir-Reġistru ta' dawn il-Qrati fi żmien ħmistax-il ġurnata mill-ħruġ ta' dan l-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

Dawk illi fiż-żmien fuq imsemmi jkunu ppreżentaw dik in-nota, għandhom jiġu nnotifikati b'kopja tar-rikors ġuramentat hawn fuq imsemmi bil-ġurnata li tingħata għas-smigħ tal-kawża.

B'ordni tal-Qorti.

Reġistru tal-Qorti Superjuri,
Illum 23 ta' Ottubru 2015.

JOSETTE DEMICOLI
Għar-Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali

NOTICE
REGISTRY OF THE
CIVIL COURT, FIRST HALL

Whereas Wisam H Alsalhen Hamad (Libyan Passp. No. 65951) pro et noe filed an application under oath (No. 1003/2015/LSO) demanding CORRECTION in the ACT OF BIRTH number 2088/1979 in the Public Registry.

Whosoever may have an interest therein and wishes to oppose that demand is hereby called upon to do so by means of a note to be filed in the Registry of these Courts within fifteen days from the day of the publication of this present notice in the Government Gazette.

Those who within the aforesaid time shall have filed such note shall be notified by the service of a copy of the said application under oath of the day which will be appointed for the hearing of the case.

By order of the Court.

Registry of the Superior Court,
Today, 23rd October 2015.

JOSETTE DEMICOLI
For the Registrar Civil Courts and Tribunals

1726

AVVIŻ
MIR-REĠISTRU
TAL-PRIM' AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

Billi Sarah Abdulghader et pro et noe (KI Nru. 587683M) ippreżentat rikors ġuramentat (Nru. 1001/2015/LSO) fejn ġie mitlub il-KORREZZJONI FL-ATT TAT-TWELID numru 3479/2013 fir-Reġistru Pubbliku.

Kull min jidhirlu li għandu interess u jrid jopponi dik it-talba, b'dan l-avviż huwa msejjaħ sabiex ifisser il-fehma tiegħu b'nota li għandha tiġi ppreżentata fir-Reġistru ta' dawn il-Qrati fi żmien ħmistax-il ġurnata mill-ħruġ ta' dan l-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

Dawk illi fiż-żmien fuq imsemmi jkunu ppreżentaw dik in-nota għandhom jiġu nnotifikati b'kopja tar-rikors ġuramentat hawn fuq imsemmi bil-ġurnata li tingħata għas-smigħ tal-kawża.

B'ordni tal-Qorti.

Reġistru tal-Qorti Superjuri,
Illum 23 ta' Ottubru 2015.

JOSETTE DEMICOLI
Għar-Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali

NOTICE
REGISTRY OF THE
CIVIL COURT, FIRST HALL

Whereas Sarah Abdulghader et pro et noe (ID No. 587683M) filed an application under oath (No. 1001/2015/LSO) demanding CORRECTION in the ACT OF BIRTH number 3479/2013 in the Public Registry.

Whosoever may have an interest therein and wishes to oppose that demand is hereby called upon to do so by means of a note to be filed in the Registry of these Courts within fifteen days from the day of the publication of this present notice in the Government Gazette.

Those who within the aforesaid time shall have filed such note shall be notified by the service of a copy of the said application under oath of the day which will be appointed for the hearing of the case.

By order of the Court.

Registry of the Superior Court,
Today, 23rd October 2015.

JOSETTE DEMICOLI
For the Registrar Civil Courts and Tribunals

1727

B'digriet mogħti fl-24 ta' Settembru 2015, mill-Qorti tal-Appell, fl-atti tar-Rikors tal-Appell, fl-ismijiet Anthony Meli et vs John Bugeja, Rikors numru 556/15, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat John Bugeja a tenur tal-Artikolu 187(3) et seq. tal-Kap. 12.

Permezz ta' Rikors tal-Appell ippreżentat fil-Qorti tal-Appell, Wara d-digriet fl-atti tar-Rikors Numru 556/2015 JPG, fl-atti tas-subbasta fl-ismijiet Anthony Meli (KI 526365M) u martu Ynskje Meli (KI 8122A) vs John Bugeja (KI 328766M) Deċiż 1 ta' Lulju 2015, ir-rikorrenti Anthony Meli u Ynskje Meli esponew bir-rispett:

1. Illi dan huwa Appell mid-digriet mogħti mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fl-1 ta' Lulju 2015, fl-ismijiet premessi.

2. Illi permezz ta' rikors intavolat fl-atti tas-subbasta numru 22/15, fit-3 ta' Ġunju 2015, Louiselle Bugeja, talbet illi jiġi ordnat illi l-bejgħ in subbasta ta' nofs indiviż tal-fond ossia garaxx mhux uffiċjalment enumerat numru (3) b'entratura indipendenti tagħha minn ġo Triq Moroni, Gżira,

By means of a decree given on the 24th September 2015, by the Court of Appeal, in the records of the Appeal, in the names Anthony Meli et vs John Bugeja, Application number 556/15, the folowing publication was ordered for the purpose of service of the respondent John Bugeja in terms of Article 187(3) et seq. of Cap. 12.

By means of an Appeal Application filed in the Court of Appeal, Following the decree in the records of the Application Number 556/2015 JPG, in the records of the Judicial Sale in the names Anthony Meli (ID 526365M) and his wife Ynskje Meli (ID 8122A) vs John Bugeja (ID 328766M) Decided 1st July 2015, the applicant Anthony Meli and Ynskje Meli respectfully pleaded:

1. That this is an Appeal from a decree given by the First Hall Civil Court, on the 1st July 2015, in the names premised.

2. That by means of an application filed in the records of the judicial sale number 22/15, on the 3rd June 2015, Louiselle Bugeja, asked that there be ordered the judicial sale of one half undivided share of the premises or rather garage unofficially numbered (3) with an independent entrance

appartenenti lil John Bugeja, isir suġġett għall-użufrutt tal-istess Louiselle Bugeja.

3. Illi fir-risposta għal dan ir-rikors l-appellanti eċċeppew illi t-talba tal-imsemmija Louiselle Bugeja kellha tiġi miċħuda stante li kienet infondata fil-fatt u fid-dritt billi l-kuntratt ta' separazzjoni ta' Louiselle Bugeja, minn ma' żewġha John Bugeja, ippubblikat fis-26 ta' April 2001, imkien ma jgħid illi hija akkwistat xi tip ta' drittijiet fuq is-sehem indiviż appartenenti lir-raġel tagħha John Bugeja.

4. Illi permezz ta' digriet mogħti fl-1 ta' Lulju 2015, fl-ismijiet premessi l-Ewwel Onorabbli Qorti ...omissis... akkordat li l-imsemmija Louiselle Bugeja erba' xhur żmien biex tkun tista' tintavola dawk il-proċeduri appożiti quddiem il-Qorti tal-Familja, sabiex jiġu stabbiliti d-drittijiet pretiżi fuq il-garaxx mertu tas-subbasta.

5. Illi l-appellanti ħassuhom aggravati minn dan id-digriet u minnu qed jinterponu dan l-umli appell.

Il-Fatti.

6. Illi in suċċint il-fatti li taw lok għal dawn il-proċeduri huma s-segwenti:

(a) Illi l-appellanti huma krediturі ta' John Bugeja, li kien miżżewweġ mar-rikorrenti Louiselle Bugeja u dana ai termini ta' kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu ppubblikat min-Nutar Timothy Ellis, fil-5 ta' Ottubru 2009.

(b) Illi in segwitu għall-ittra uffiċjali intavolata fit-28 ta' Ġunju 2012, ai termini tal-Artikolu 253 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta'Malta, il-kreditu tal-esponenti ġie reż titolu eżekuttiv.

(c) Illi in garanzija tal-kreditu tagħhom, l-esponenti rreġistaw ipoteka ġenerali u sussegwentement ikkonvertewha f'waħda speċjali fuq in-nofs indiviż tal-imsemmi John Bugeja, fuq il-garaxx bla numru u mhux uffiċjalment enumerat numru 3, ġo Triq Moroni, Gżira.

(d) Illi fil-15 ta' April 2015, l-esponenti intavolaw rikors fejn talbu l-bejgħ in subbasta tas-sehem indiviż appartenenti lil John Bugeja.

(e) Illi fit-3 ta' Ġunju 2015, Louiselle Bugeja, intavolat rikors fl-atti tas-subbasta de quo fejn allegat illi ai termini tal-kuntratt ta' separazzjoni minn ma' żewġha John Bugeja, hija kienet akkwistat drittijiet ta' użu u abitazzjoni fuq is-sehem indiviż ta' żewġha.

(f) Illi l-appellanti intavolaw r-risposta tagħhom, fid-19 ta' Ġunju 2015, fejn opponew għat-talba tar-rikorrenti.

(g) Illi b'digriet tal-1 ta' Lulju 2015, l-Ewwel Onorabbli Qorti ddikjarat bl-aktar mod ċar u inekwivoku illi ebda

from Triq Moroni, Gżira, belonging to John Bugeja, become subject to the usufruct of the same Louiselle Bugeja.

3. That in the reply to this application, the appellants pleaded that the demand of the said Louiselle Bugeja should have been rejected since it was unfounded in fact and at law as the contract of separation of Louiselle Bugeja from her husband John Bugeja, published on the 26th April 2001, nowhere states that she acquired any type of rights on the undivided share belonging to her husband John Bugeja.

4. That by means of a decree given on the 1st July 2015, in the names premised the Honourable Court of First Instance ...omissis... granted to the said Louiselle Bugeja, four months time in order to file the appropriate procedures before the Family Court, in order that there be established the pretended rights on the garage merit of the judicial sale.

5. That the appellants felt aggrieved by this decree and are filing this humble appeal therefrom.

The Facts.

6. That in brief the facts which gave rise to these procedures are the following.

(a) That the appellants are the creditors of John Bugeja, who had married the applicant Louiselle Bugeja and this in terms of the contract of constitution of debt, published by Notary Timothy Ellis, on the 5th October 2009.

(b) That following a judicial letter filed on the 28th June 2012, in terms of Article 253 of Cap. 12 of the Laws of Malta, the credit of the applicants was rendered an executive title.

(c) That in guarantee of their credit, the applicants registered a general hypothec and subsequently converted into a special one on one half undivided share of the said John Bugeja, on the garage without number and unofficially marked 3, in Triq Moroni, Gżira.

(d) That on the 15th April 2015, the applicants filed an application whereby they asked for the judicial sale of the undivided share belonging to John Bugeja.

(e) That on the 3rd June 2015, Louiselle Bugeja filed an application in the records of the judicial sale de quo whereby she alleged that in terms of the contract of separation from her husband John Bugeja, she had acquired rights of use and habitation on the undivided share of her husband.

(f) That the appellants filed their reply on the 19th June 2015, whereby they opposed to the applicant's demand.

(g) That by means of a decree given on the 1st July 2015, the Honourable Court of First Instance, declared in the most

dritt ta' użufrutt jew użu u abitazzjoni ma ġie assenjat lir-rikorrenti Louiselle Bugeja, rigwardanti l-garaxx ...omissis... u akkordat terminu ta' erba' xhur lil Louiselle Bugeja biex tintavola proċeduri appożiti quddiem il-Qorti tal-Familja.

Aggravji.

L-Ewwel Aggravju.

7. Illi t-talba tar-rikorrenti Louiselle Bugeja ibbażata interament fuq l-allegazzjoni tagħha illi hija tgawdi dritt ta' użu u abitazzjoni fuq is-sehem indiviż ta' żewġha John Bugeja.

8. Fir-rikors tagħha r-rikorrenti Louiselle Bugeja, tagħmel referenza għall-kuntratt ta' separazzjoni minn ma żewġha John Bugeja, ppubblikat min-Nutar Christine Abela, fis-26 ta' April 2001.

9. .....omissis.....

10. Illi l-Artikolu11(ii) tal-istess kuntratt ta' separazzjoni jgħid bl-aktar mod ċar u inekwivoku illi r-rikorrenti Louiselle Bugeja ingħatat id-dritt ta' użu u abitazzjoni biss fuq id-dar li kienet dik matrimonjali.

11. .....omissis.....

12. Illi r-rikorrenti hija ben konxja ta' dan il-fatt u għalhekk tipprova targumenta illi l-garaxx għandu jitqies bħala parti mid-dar matrimonjali.

.....omissis.....

13. Illi l-artikolu 13 (iii) jispjega bl-aktar mod ċar għalfejn il-konjugi Bugeja kienu ddeċidew illi l-mara kellha tingħata d-dritt tal-użu u abitazzjoni minkejja illi l-proprjetà kienet għada in komuni u dan kien biex it-tfal minuri tagħhom ikollhom dar stabbli fejn jgħixu.

.....omissis.....

14. Illi l-Artikolu 1002 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta jgħid espressament:

'Meta l-kliem ta' konvenzjoni meħud fis-sens li għandu skont l-użu fiż-żmien tal-kuntratt hu ċar ma hemmx lok għal interpretazzjoni'.

15. .....omissis.....

16. .....omissis.....

17. .....omissis.....

clear and unequivocal manner that no right of usufruct, or use or habitation was assigned to the applicant Louiselle Bugeja, regarding the garage ...omissis... and granted a term of four months to Louiselle Bugeja to file the appropriate procedures before the Family Court.

Grievances.

The First Grievance.

7. That the demand of the applicant Louiselle Bugeja, is based entirely on her allegation that she enjoys the right of use and habitation on the undivided share of her husband John Bugeja.

8. In her application the applicant Louiselle Bugeja refers to the contract of separation from her husband John Bugeja published by Notary Christine Abela on the 26th April 2001.

9. .....omissis.....

10. That Article 11(ii) of the same contract of separation states most cleaerly and unequivocally that the applicant Louiselle Bugeja was given the right of use and habitation only on the matrimonial home.

11. .....omissis.....

12. That the applicant is well aware of this fact and is thus trying to argue that the garage be considered as part of the matrimonial home.

.....omissis.....

13. That article 13 (iii) explains most clearly why the spouses Bugeja had decided that the wife had to be given the right of use and habitation despite that the property was still in common and this so that their children shall have a stable home were to live.

.....omissis.....

14. That Article 1002 of Cap. 16 of the Laws of Malta expressly states:

'When the wording of the agreement is taken in the sense according to use at the time of the contract there is no room for interpretation'.

15. .....omissis.....

16. .....omissis.....

17. .....omissis.....

18. .....omissis.....

19. Illi l-Ewwel Onorabbli Qorti, qablet mal-argumenti tal-appellanti u di fatti fil-konklużjonijiet tagħha tgħid bl-aktar mod ċar u inekwivoku b'referenza għall-kuntratt ta' separazzjoni 'Ebda dritt ta' użufrutt jew dritt ta' użu u abitazzjoni ma ġie assenjat lil Louiselle Bugeja', rigwardanti l-garaxx numru 3, fi Triq Moroni, il-Gżira.

20. Illi minkejja din id-dikjarazzjoni daqstant ċara u skjetta l-appellanti, b'kull rispett jissottomettu illi huwa għalhekk inkonċepibbli kif l-Ewwel Onorabbli Qorti, kompliet biex iffissat terminu biex ir-rikorrenti Louiselle Bugeja tkun tista' tintavola proċeduri quddiem il-Qorti tal-Familja biex fi kliem il-Qorti jiġu stabbiliti d-drittijiet preċiżi fuq il-garaxx numru 3, Triq Moroni, Gżira.

21. .....omissis.....

22. .....omissis.....

23. .....omissis.....

24. Illi in subsidium u mingħajr preġudizzju għas-suespost hija ftit inkonċepibbli għall-appellanti, kif l-Ewwel Onorabbli Qorti, qalet fid-digriet illi John Bugeja deher konvint mill-ftehim bejn il-konjugi Bugeja, waqt is-smigħ tal-każ meta l-istess John Bugeja lanqas biss ma xehed.

It-Tieni Aggravju.

25. Illi l-Ewwel Onorabbli Qorti, fid-digriet tagħha tal-1 ta' Lulju 2015, tghid illi 'l-kuntratt ta' separazzjoni fejn si tratta tal-garaxx in eżami mhuwiex daqstant ċar u din il-Qorti ma tarax li huwa każ ta' interpretazzjoni iżda huwa iktar każ ta' lacuna'.

26. .....omissis.....

27. Illi l-appellanti jikkontendu bir-rispett illi għal dak illi jirrigwarda l-garaxx huwa ċar daqs il-kristall u cioè ċar illi r-rikorrenti Louiselle Bugeja ma akkwistat ebda drittijiet fuq is-sehem indiviż ta' John Bugeja fil-garaxx.

28. Illi l-appellanti bir-rispett jikkontendu illi r-referenza għall-lacuna da parti tal-Ewwel Onorabbli Qorti mhix ċara.

29. Illi minn qari tar-rikors ta' Louiselle Bugeja, huwa ċar illi l-istess Bugeja qed tibbaża r-rikors tagħha interament fuq kwistjoni ta' interpretazzjoni u proptju għalhekk l-esponenti appellanti fir-risposta għamlu referenza għal diversi sentenzi fejn jgħidu bl-aktar mod ċar illi fejn kuntratt huwa ċar l-Qorti m'għandhiex is-setgħa illi tintervjeni biex tvarja dak illi hemm miktub.

18. .....omissis.....

19. That the Honourable First Court agreed with the arguments of the appellants and in fact in its conclusions states most clearly and unequivocally with reference to the contract of separation 'No right of usufruct or right of use and habitation was assigned to Louiselle Bugeja', regarding the garage number 3, in Triq Moroni, Gżira.

20. That despite of this declaration which is so clear and forthright the appellants with all respect submit that it is inconceivable how the Honourable First Court continued to fix a term so that the applicant Louiselle Bugeja, can file the present procedures before the Family Court so that in the words of the Court there be established precise rights on garage number 3, Triq Moroni, Gżira.

21. .....omissis.....

22 .....omissis.....

23. .....omissis.....

24. That in subsidium and without prejudice to the above it is slightly inconceivable for the appellants, how the Court of First Instance, stated in the decree that John Bugeja appeared convinced of the agreement betwen the spouses Bugeja during the hearing of the cause when the same John Bugeja did not even testify.

The Second Grievance.

25. That the Honourable First Court, in its decree of the 1st July 2015, states that 'the contract of separation whereby it relates to the garage in examination is not so clear and this Court does not see that it is a case of interpretation but more a case of a lacuna'.

26. .....omissis.....

27. That the appellants respectfully contend that as regards the garage it is as clear as crystal and namely clear that the applicant Louiselle Bugeja did not acquire rights on the undivided share of John Bugeja in the garage.

28. That the appellants with respect contend that the reference to the lacuna on the part of the Honourable First Court is not clear.

29. That from a reading of the application of Louiselle Bugeja, it is clear that the same Bugeja is basing her application entirely on a matter of interpretation and thus the applicant appellants in their reply make reference to the various judgements which state most clearly that where a contract is clear the Court does not have the power to intervene to vary what is written.

It-Tielet Aggravju.

30. Illi l-appellanti jissottomettu bir-rispett illi mhuwiex ċar għal liema proċeduri qed tirreferi l-Ewwel Onorabbli Qorti, fil-parti konklussiva tad-digriet tagħha meta tgħid illi r-rikorrenti Louiselle Bugeja għandha tintavola dawk il-proċeduri appożiti quddiem il-Qorti tal-Familja sabiex jiġu stabbiliti d-drittijiet preċiżi.

31. Illi b'kull rispett lejn l-Ewwel Onorabbli Qorti, dak illi qed jiġi suġġerit lanqas ma jista jsir għaliex dan imur kontra l-Artikolu 352(2) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Għaldaqstant filwaqt illi jirreferu għall-atti kollha, jirriżevaw illi jagħmlu l-osservazzjonijiet kollha li jidhrilhom xierqa u li jipproduċu l-provi kollha ammissibbli skont il-liġi f'dan l-istadju, l-appellanti jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti, tilqa' dan l-appell odjern u tħassar u tirrevoka d-digriet tal-Onorabbli Prim'Awla, mogħti fl-atti tas-subbasta fl-ismijiet Anthony Meli martu Ynskje Meli vs John Bugeja, tal-1 ta' Lulju 2015, billi tiċħad it-talbiet tal-appellata Louiselle Bugeja, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellata Louiselle Bugeja.

Appellanti: 28 'Tonine' Triq il-Linja, Ħ'Attard.

Appellat: 1. .....omissis.....

2. 'Drive Inn Lounge', Triq it-Tamar, Buġibba.

Reġistru tal-Qrati Superjuri (Appelli) illum 23 ta' Ottubru 2015.

AVV. FRANK PORTELLI, LLD
Għar-Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali

The Third Grievance.

30. That the appellants respectfully submit that it is not clear to which procedures the Honourable First Court is referring in the conclusive part of its decree when it stated that the applicant Louiselle Bugeja should file the appropriate procedures before the Family Court in order that there be established the precise rights.

31. That with all respect to the Honourable Court of First Instance what is being suggested cannot be made because this goes against Article 352(2) of Cap. 12 of the Laws of Malta.

Thus whilst referring to all the records, they reserve to make all the observations they deem fit and to bring all the proof admissible according to law at this stage, the appellants pray this Honourable Court to uphold this present appeal and cancel and revoke the decree of the Honourable First Hall, given in the records of the judicial sale in the names Anthony Meli his wife Ynskje Meli vs John Bugeja, on the 1st July 2015, by rejecting the demands of the respondent Louiselle Bugeja, with costs of both instances against the respondent Louiselle Bugeja.

Appellants: 28, 'Tonine' Triq il-Linja, Ħ'Attard.

Respondent : 1. .....omissis.....

2. 'Drive Inn Lounge', triq it-Tamar, Buġibba.

Registry of the Superior Courts (Appeals) today 23rd October 2015.

ADV. FRANK PORTELLI, LLD
For the Registrar Civil Courts and Tribunals

1728

B'digriet mogħti mill-QORTI ĊIVILI, PRIM' AWLA fit-22 ta' Ottubru 2015, fuq rikors ta' HSBC BANK MALTA PLC ġie ffissat il-jum tal-Ħamis, 26 ta' Novembru, 2015 fil-ħdax ta' filgħodu (11.00 a.m.), għall-BEJGĦ BL-IRKANT, li għandu jsir fl-Ewwel Sular, Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, Il-Belt Valletta tal-fondi hawn taħt deskritti:

1. Ħanut bin-numru uffiċjali seba' mija u għoxrin (720) fi Triq il-Kbira, Ħamrun, mingħajr l-arja tiegħu sottopost għall-proprjetà ta' terzi. Il-ħanut għandu sistema ta' ilma taxxita u drenaġġ in komuni mal-proprjetà sovrapposta, u hu suġġett għas-servitujiet li jirriżultaw mill-istess pożizzjoni. Il-proprjetà hija suġġetta għal ċens annwu u perpetwu ta' erba' mija sebgħa u sittin Ewro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€467.87) stmat li jiswa mitejn ħamsa u ħamsin elf ewro (€255,000).

By a decree given by the CIVIL COURT, FIRST HALL on 22nd October 2015 , on the application of HSBC BANK MALTA PLC, Thursday, 26th November, 2015 at eleven in the morning (11.00 a.m.) for the SALE BY AUCTION to be held on the First Floor, Courts of Justice, Republic Street, Valletta, of the following properties:

1. Shop officially numbered seven hundred and twenty (720) in Triq il-Kbira, Ħamrun, without airspace underlying property of third. The shop has a common rainwater and drainage system with the overlying property and is subject to servitudes which result from the said position.The property is subject to an annual groundrent of four hundred and sixty seven Euro and eighty seven cents (€467.87) valued at two hundred and fifty five thousand Euro (€255,000).

2. Ħanut bin-numru uffiċjali seba' mija wieħed u għoxrin (721) fi Triq il-Kbira, Ħamrun. L-imsemmi ħanut igawdi d-drittijiet attivi u suġġett għas-servitujiet passivi li jirriżultaw mill-pożizzjoni relattiva tiegħu liberu u frank minn kull piż u ċens, stmat li jiswa mija, tnejn u tletin elf Ewro (€132,000).

L-imsemmija fondi huma proprjetà ta' RISEA LIMITED (C 30901).

N.B. L-imsemmija fondi jinbiegħu bħalma ġew deskritti fl-Atti tas-Subbasta 49/2013.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum il-Ħamis, 22 ta' Ottubru, 2015.

RUDOLPH MARMARÀ
Għar-Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali

2. Shop officially numbered seven hundred and twenty one (721) in Triq il-Kbira, Ħamrun. The shop is subject to servitudes which result from the said position free and unencumbered valued at one hundred and thirty two thousand Euro (€132,000).

The said tenements are the property of RISEA LIMITED (C 30901).

N.B. The said tenements will be sold as described in the Judicial Sales Act 49/2013.

Registry of the Superior Courts, this Thursday, 22nd October, 2015.

RUDOLPH MARMARÀ
For the Registrar Civil Courts and Tribunals

1729

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim' Awla fl-10 ta' Settembru 2015, fuq nota ta' Dr Joseph Ellis fil-kwalità tiegħu ta' mandatarju speċjali tas-soċjetà estera Sonnig SA ġie ffissat il-jum tal-Ħamis, 26 ta' Novembru, 2015 fil-ħdax u nofs ta' filgħodu (11.30 a.m.) għall-Bejgħ bl-Irkant li għandu jsir fl-Ewwel Sular, Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, Il-Belt Valletta, tal-fondi hawn taħt deskritti:

Sehem ta' kwart indiviż tal-Appartament numru tlieta (3), Kingstown Flats, Triq Testaferrata, Gżira, stmat li jiswa ħdax-il elf Ewro (€11,000).

Sehem ta' kwart indiviż tal-Appartament numru erba' (4), Kingstown Flats, Triq Testaferrata, Gżira, stmat li jiswa ħmistax-il elf u ħames mitt Ewro (€15,500).

Sehem ta' kwart indiviż tal-Appartament numru ħamsa (5), Kingstown Flats, Triq Testaferrata, Gżira, stmat li jiswa tnax-il elf Ewro (€12,000).

